

# Sliem u Ħajja

## Parroċċa San Sebastjan
## Ħal Qormi

### festa 2025



**Statwa ġdida ta' San Sebastjan Martri**
**maħduma mill-artist Għawdxi Michael Cutajar Zahra għall-festa tat-tfal**

Pubblikazzjoni tal-Parroċċa
FESTA TITULARI 2025 | Sena Ġubilari
Għadd 225

Parroċċa San Sebastjan Qormi
parrocca_qormisb
www.qormisbparish.org
parrocca.qormi.sb@maltadiocese.org
2148 6350

**Bord Editorjali:**
Kan. Arċipriet Dun Ewkarist Zammit
Tiziana Azzopardi, Joseph Busuttil
Mario Cardona, Jurgen Debono
Charles Saliba, Jake Vella
Matthew Zammit

**Ritratti:**
Arċidjoċesi ta' Malta, Dwardu Debono
Roberto Farrugia, Charles Saliba
Matthew Zammit

**Disinn, Issettjar u Stampar:**
Best Print Ltd, Qrendi

**Fil-qoxra ta' quddiem**
***Il-koppla tal-Knisja Arċipretali wara l-proġett tal-manutenzjoni u ż-żebgħa li ġie inawgurat fis-16 ta' Jannar 2025***

**Fil-qoxra ta' wara**
***Detall mill-ventartal tal-festa tal-artal maġġur tal-Knisja ż-Żgħira maħdum fl-injam f'Awwissu 1891 wara xogħol ta' restawr li sar fuqu***

# Werrej

Messaġġ tal-Arċipriet .................................. 2
Festa Titulari ta' San Sebastjan Martri 2025 Programm tal-Festi ta' Ġewwa .............. 6
Innu Popolari lil San Sebastjan Martri .... 13
Main Highlights of the Feast Programme ....................... 15
Festa Titulari ta' San Sebastjan Martri 2025 Programm tal-Festi ta' Barra ............... 18
X'sar matulek, ja sena, fil-Parroċċa tagħna? .............................. 25
Nifirħu u Nawguraw .................................. 33
Mill-Istorja tal-Parroċċa ............................ 35
Xi jfisser għalija li jiena msejjaħ biex inkun saċerdot? ............................ 38
Ir-Renju ta' Ċesari u Pietru l-Blata ........... 42
L-Esperjenza tal-Parroċċa f'Ruma ........... 47
L-Istatwa tal-Ġebel ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi .................. 53
Ngħożżu r-Relazzjonijiet fil-Familja ........ 66
Valuing Family Relationships ................... 67
All Are Welcome......................................... 71
Fejn Hemm il-Fqar, Hemm Ġesù!............ 73
Inservi lil Alla għax inħobbu u nħobbu għax Hu ħabbni qabel!........... 81
Il-Ħidma fil-Parroċċa tagħna Matul din is-Sena ................................. 85
450 sena mill-Viżta Appostolika ta' Mons. Pietro Dusina........................ 91
Is-Sodalità San Sebastjan ........................... 94
Is-Sehem tat-Tfal u ż-Żgħażagħ fil-Korijiet Parrokkjali .......................... 96
CONNECT ................................................... 98
80 Sena minn Tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija....................... 100
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ... 103

# "Il-Fidi Ħaddnu Minħabba Fik"

*Messaġġ tal-Arċipriet*



Il-festa hija ferm għal qalbna. Nieħdu gost fiha għax hija ċelebrazzjoni li l-komunità tagħmel lill-qaddis patrun tagħha. Imma peress li l-festa hija attività kbira faċli jiġri li nagħmlu ħafna affarijiet fiha imma ma nħalluhiex tkun mument ta' riflessjoni. Dan iwassal biex nirriskjaw li nitilfu l-iskop tagħha għax issir sempliċiment rutina li nagħmlu ta' kull sena, bħal diversi affarijiet oħra li nagħmlu. Imma jekk irridu li din tkun mument ta' grazzja għalina u għall-komunità tagħna rridu qabel kollox nistaqsu lilna nfusna u ngħidu: **Xi rridu mill-festa ta' din is-sena waqt li mal-Knisja qed niċċelebraw il-Ġublew tat-Tama?**

Il-Knisja hi dejjem f'mixja ta' konverżjoni. Għalhekk, dawk li jappartjenu lilha huma kollha midinbin imma f'mixja biex - imqanqlin mill-grazzja ta' Alla - isiru qaddisin. Dak li jimlina bil-kuraġġ huwa l-fatt li jgħidilna Papa Franġisku fl-Eżortazzjoni Appostolika Christus Vivit (Kristu Jgħix): **"Il-qalb tal-Knisja hi mimlija wkoll b'qaddisin żgħażagħ, li taw ħajjithom għal Kristu, ħafna minnhom sal-martirju. Kienu mera prezzjuża ta' Kristu żagħżugħ li iddew f'nofsa biex iqanqluna u jaqilgħuna min-ngħas tagħna"**. Dan wasslu biex jagħmluh għax - imqanqlin mill-fidi - ma beżgħux jiftħu qalbhom għall-imħabba ta' Alla. Huma għarfu li l-ħajja tal-bniedem ma tista' qatt tkun fil-paċi sakemm tibqa' marbuta mad-dnub u l-ħażen li dejjem juruna l-ferħ fil-postijiet żbaljati u għalhekk ma nistgħu nħossuna qatt f'postna. Imma għall-kuntrarju, dawn il-qaddisin żgħażagħ jimlewna bil-ferħ biex - mimlijin bit-tama u l-kuraġġ - nagħmlu bħalhom, jiġifieri nikkollaboraw mal-proġett ta' Alla għalina.

Dan kien dak li għamel, għex u ttama fih San Sebastjan. Hu kien bniedem bħalna b'diversi opportunitajiet fil-ħajja fejn seta' jikber u jimxi 'l quddiem imma fl-istess waqt sab ukoll ostakli li biex jgħix il-ħajja nisranija tiegħu ried iħallas prezz. Għax il-fidi li kellu f'Alla kienet aktar b'saħħitha mill-biża', kompla jikber fl-imħabba tiegħu lejn Ġesù u kien iħeġġeġ oħrajn biex jagħmlu l-istess, fosthom dawk il-pagani f'Ruma, fejn kif inkantaw fl-innu popolari: **"Il-fidi ħaddnu minħabba fik"**. Dan għamlu billi nsibuh jippriedka l-Kelma ta' Alla fil-ħabs ta' Nikostratu għax dejjem xtaq li jwassal lin-nies għand Ġesù. Fil-fatt, ħafna minn dawn l-insara spiċċaw ċarċru demmhom u mietu martri bħalu.

F'din il-festa, San Sebastjan idur lejna u jħeġġiġna biex inħarsu lejn il-ħajja nisranija tagħna bħala rigal li Alla qed jagħtina biex napprezzaw aħjar lilna nfusna. Jurina kif nistgħu ngħixu l-fidi bil-ferħ billi nfittxu li nkunu ma' Ġesù fit-talb għax inkella qalbna ma titkebbisx biex tinfetaħ għall-imħabba ta' Alla. Iqawwina biex bħalu nagħrfu nwasslu lil oħrajn it-tama li għandna f'Ġesù li hija mibnija fuq iċ-ċertezza tal-imħabba ta' Alla

għalina. Din lil San Sebastjan wasslitu biex imut martri għal Kristu għax emmen li aħna pajżani tas-sema, għax din hija l-wegħda li Kristu Rxoxt għamlilna.

Dan il-ħsieb jgħaqqad tajjeb ħafna ma' dak li qalilna Papa Ljun XIV meta fit-8 ta' Mejju li għaddew ħareġ għall-ewwel darba mil-loġġa ta' San Pietru f'Ruma bħala l-magħżul biex ikun is-suċċessur ta' Pietru: **"Alla jridilna l-ġid, Alla jħobbkom ilkoll, u l-ħażen mhux sa jirbaħ! Aħna lkoll f'idejn Alla. Għalhekk, bla biża', magħqudin id f'id ma' Alla u bejnietna, ejjew nibqgħu mexjin 'il quddiem. Aħna dixxipli ta' Kristu. Kristu jimxi qabilna. Id-dinja għandha bżonn tad-dawl tiegħu."**

B'din it-tama li jagħtina biss il-Mulej Ġesù, u li San Sebastjan għex u ta ħajtu għaliha, ejjew ngħixu flimkien din il-festa li bħala komunità qed niċċelebraw flimkien f'din is-sena tal-Ġublew tat-Tama.

**Il-festa t-tajba lil kulħadd u nitlob biex il-barka ta' Alla tistrieħ fuqkom u fuq il-familji tagħkom!**

**Kan. Dun Ewkarist Zammit**

Miftuħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa
mit-8.30a.m. sal- 5.00p.m.

100 YEARS
1923 - 2023

E. THEUMA & COMPANY LTD.

Theuma House, 302, St. Paul Street, Valletta VLT 1213
Tel: +356 2123 4075 / +356 2123 6605
Email: info@etheuma.com www.etheuma.com


FIDI
Burger Joint
Wolt
Bolt Food
TRIQ IL-KNISJA ARĊIPRETALI, ĦAL QORMI
(QUDDIEM IL-KNISJA ARĊIPRETALI TA' SAN SEBASTJAN)
22 261 659 • SEGWINA FUQ


MAYPOLE
Pistachio
ICE CREAM
Pistachio
ICE CREAM
Brownie
ICE CREAM
Brownie
ICE CREAM
Hazelnut
ICE CREAM
Hazelnut
MAYPOLE
bakers since 1900
info@maypole.com.mt
maypole.com.mt
Follow us on
BETTER CALL
MAYPOLE
22 581 581




LOMBARD
Lombard Bank Malta p.l.c.

Head Office: 67 Republic Street Valletta Malta • PO Box 584 Valletta VLT 1000 Malta
Tel: +356 25581117 • e-mail: mail@lombardmalta.com • www.lombardmalta.com • SWIFT Code: LBMAMTMT
*Lombard Bank Malta p.l.c. is listed on the Malta Stock Exchange and is licensed and regulated by the Malta Financial Services Authority as a credit institution and as an investment service provider.*

# Festa Titulari ta' San Sebastjan Martri 2025

## *Programm tal-Festi ta' Ġewwa*

### It-Tnejn 7 u t-Tlieta 8 ta' Lulju

**8:15pm** Id-Drama Group San Sebastjan flimkien mal-Parroċċa u l-Kunsill Lokali jippreżentaw id-dramm ***Tarka tal-Fidi*** fiċ-Ċentru Parrokkjali fuq kitba u direzzjoni ta' Shaun Formosa.

### L-Erbgħa 9 ta' Lulju | Jum il-Komunità

**7:30pm** Quddiesa bl-Ingliż fiċ-Ċentru Parrokkjali bi tħejjija għall-festa titulari.
Imexxi: Kan. Dun Dillon Bugeja, Viċi-Arċipriet

### Il-Ħamis 10 ta' Lulju | Nitolbu biex mill-festa joħroġ ġid spiritwali

**6:00pm** Qrar fil-Knisja Arċipretali.

**6:30pm** Quddiesa u Adorazzjoni Ewkaristika animata mis-saċerdoti tal-Parroċċa biex nitolbu ħalli l-festa tħalli ġid spiritwali u tkun mezz biex fuq l-eżempju ta' San Sebastjan nersqu lejn Alla.
Imexxi: Kan. Dun Noel Borg, Viċi-Arċipriet

### Il-Ġimgħa 11 ta' Lulju | Jum l-Anzjani u Jum iż-Żgħażagħ

**6:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-anzjani u l-morda flimkien mal-familji tagħhom fuq wara taz-zuntier tal-Knisja Arċipretali. Fil-Quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tal-Morda.
Imexxi: Prof. Dun Carl-Mario Sultana, Delegat għall-Edukazzjoni Reliġjuża

**8:00pm** Quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ organizzata mill-gruppi IMPACT, CONNECT u l-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi fuq wara taz-zuntier tal-Knisja Arċipretali.
Imexxi: Dun Osmar Baldacchino, Kappillan fl-iskola tas-Seminarju Minuri

### Is-Sibt 12 ta' Lulju | Jum is-Solidarjetà

**8:00pm** Lejla Qormija b'risq il-festa organizzata mill-Parroċċa fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali.
Il-ġbir li jsir fil-Quddies kollu jmur bħala karità għal żmien il-festa b'risq il-bżonnijiet tal-Knisja fil-Libja

### Il-Ħadd 13 ta' Lulju | Jum il-Ħajja u Jum is-Sodalità San Sebastjan

**11:00am** Quddiesa li fiha jiġi ċċelebrat is-Sagrament tal-Magħmudija.
Imexxi: Kan. Dun Joe Cilia, Kappillan tal-Parroċċa tas-Salvatur, Ħal Lija

**6:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-fratelli li fiha jingħata l-mandat lir-reffiegħa tal-vara titulari.
Imexxi: Patri Ian Zammit O.P., Viċi-Kappillan tal-Parroċċa ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo u San Duminku, il-Belt Valletta

**8:00pm** Lejla Qormija b'risq il-festa organizzata mill-Parroċċa fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali.

## It-Tnejn 14 ta' Lulju | Jum il-Preżentazzjoni tat-Trabi lil San Sebastjan

**6:15pm** L-għaqdiet tal-Parroċċa u tal-festa jinġabru fil-Knisja ż-Żgħira għal mument qasir ta' talb u wara korteo għal quddiem l-istatwa tal-ġebel ta' San Sebastjan fejn titqiegħed kuruna ta' rand u fjuri bi mħabba lejn il-patrun tagħna.

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-familji u t-trabi tagħhom li twieldu matul din l-aħħar sena li tintemm bil-preżentazzjoni tat-trabi lil San Sebastjan.
Imexxi: Mons. Dun Frans Abdilla

**8:15pm** Ħruġ tal-vara titulari ta' San Sebastjan fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali bis-sehem tal-Banda Pinto u l-Banda San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq li jilqgħu l-vara titulari bid-daqq tal-Innu Popolari.
F'dan il-ħin tinxtegħel għall-ewwel darba b'mod sħiħ is-sistema l-ġdida tad-dawl tal-koppla tal-Knisja Arċipretali minn barra.

## It-Tlieta 15 ta' Lulju | Jum it-Tfal

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tat-tfal u l-familji.
Imexxi: Dun Roderick Baldacchino, Viċi-Arċipriet tal-Parroċċa ta' Santa Marija, il-Mosta
Wara l-Quddiesa ssir purċissjoni bl-istatwa ż-żgħira l-ġdida ta' San Sebastjan li tgħaddi mit-toroq: il-Vitorja, San Bastjan, il-Knisja Arċipretali u tintemm fil-Knisja ż-Żgħira. Matul it-triq isiru waqfiet ta' riflessjoni quddiem l-istatwi tal-ġebel ta' San Ġorġ u San Sebastjan.
Jieħdu sehem il-Banda Pinto u d-Drama Group San Sebastjan.

## L-Erbgħa 16 ta' Lulju | L-Ewwel Jum tat-Tridu (Jum il-Familja)

**6:30pm** Qrar fil-Knisja Arċipretali.

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-familji b'mod speċjali l-koppji li din is-sena qed ifakkru l-10, 25, 30, 40, 50 u 60 anniversarju miż-żwieġ tagħhom.
Imexxi: Kan. Dun Dillon Bugeja, Viċi-Arċipriet



Il-priedka ssir mill-Kan. Dun Sean Abela, Kappillan tal-Parroċċa ta' Santa Marija, l-Imġarr

Wara l-Quddiesa nitolbu l-Kurunella lil San Sebastjan, Innu tal-Martri, Antifona, Barka Sagramentali u Innu Popolari.

**Il-Ħamis 17 ta' Lulju | It-Tieni Jum tat-Tridu (Jum l-Adolexxenti)**

**6:30pm** Qrar fil-Knisja Arċipretali.

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-adolexxenti li f'Novembru li ġej se jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fil-Parroċċa tagħna flimkien mal-ġenituri u l-parrini tagħhom. F'din iċ-ċelebrazzjoni jiġi amministrat ukoll is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lil tliet adolexxenti.

Imexxi: Kan. Dun Ewkarist Zammit, Arċipriet

Il-priedka ssir mill-Kan. Dun Sean Abela, Kappillan tal-Parroċċa ta' Santa Marija, l-Imġarr

Wara l-Quddiesa nitolbu l-Kurunella lil San Sebastjan, Innu tal-Martri, Antifona, Barka Sagramentali u Innu Popolari.

**Il-Ġimgħa 18 ta' Lulju | It-Tielet Jum tat-Tridu (Jum il-Parroċċa u l-Għaqdiet)**

**6:30pm** Qrar fil-Knisja Arċipretali.

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-kleru tal-Parroċċa flimkien mas-saċerdoti u r-reliġjużi Qriema, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali, membri tal-għaqdiet u l-kummissjonijiet, katekisti u dawk li jagħtu sehemhom fil-ħajja tal-Parroċċa.

Jieħdu sehem ukoll il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, l-għaqdiet ċivili, sportivi u tal-festa, l-emigranti Qriema li jinsabu fostna u Qriema li jgħixu barra minn Ħal Qormi.

Imexxi: Kan. Dun Noel Borg, Viċi-Arċipriet, li qed jiċċelebra l-15-il anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali

Il-priedka ssir mill-Kan. Dun Sean Abela, Kappillan tal-Parroċċa ta' Santa Marija, l-Imġarr

Wara l-Quddiesa nitolbu l-Kurunella lil San Sebastjan, Innu tal-Martri, Antifona, Barka Sagramentali u Innu Popolari.

**Is-Sibt 19 ta' Lulju | Lejliet il-Festa Titulari**

**7:30am** Qrar fil-Knisja Arċipretali.

**8:30am** Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla li tintemm bil-kant tal-Innu ta' Radd il-Ħajr - *Te Deum*.

Imexxi: Kan. Dun Vinċenz Borg

**5:30pm** Quddiesa letta fil-Knisja Arċipretali.

**6:15pm** Tranżlazzjoni Solenni tar-relikwija ta' San Sebastjan Martri mill-Knisja ż-Żgħira sal-Knisja Arċipretali li tintemm bil-kant tal-Innu tal-Martri u l-Antifona.

Imexxi: Mons. Isqof Sandro Overend Rigillo OFM, Vigarju Episkopali għal Benghazi, il-Libja

**7:15pm** Quddiesa Solenni bil-kant tal-Ewwel Għasar.
Imexxi: Mons. Isqof Sandro Overend Rigillo OFM, Vigarju Episkopali għal Benghazi, il-Libja

## Il-Ħadd 20 ta' Lulju | Jum il-Festa Titulari

Il-ħinijiet tal-Quddies ikun: 6:30am, 7:15am (*fil-kappella tas-sorijiet Agostinjani*), 8:30am, 10:30am u 6:00pm

**8:30am** Konċelebrazzjoni Solenni ta' Jum il-Festa Titulari ta' San Sebastjan Martri.
Imexxi: Mons. Dun Joe Borg, Kappillan tal-Port fil-Moviment Appostolat tal-Baħar u ċ-Ċentru tal-Baħħara
Jinseġ il-paniġierku ta' tifħir lil San Sebastjan Martri Dun Franco Fenech, Kappillan tal-Parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni, il-Ħamrun

**10:30am** Quddiesa bis-sehem tat-tfal u l-familji.

**6:00pm** Quddiesa Solenni.
Imexxi: Kan. Dun Karl Andrew Schembri, Viċi-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Pawl, ir-Rabat

**7:15pm** Ħruġ tal-purċissjoni solenni bil-vara titulari ta' San Sebastjan Martri li tgħaddi mit-toroq: il-Vitorja, San Rafel, San Bastjan, San Bartilmew, il-Kbira, San Bastjan u il-Knisja Arċipretali.
Imexxi: Kan. Dun Karl Andrew Schembri, Viċi-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Pawl, ir-Rabat

**10:30pm** Dħul tal-purċissjoni fil-Knisja Arċipretali bil-kant tal-Antifona u l-Barka Sagramentali.

## It-Tnejn 28 ta' Lulju | Dħul tal-vara fin-niċċa

**6:30pm** Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla li tintemm bid-dħul tal-vara titulari lura fin-niċċa.

- Ilkoll imħeġġa nattendu bi ħġarna għall-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja Arċipretali fil-jiem tal-festa. Il-festa ma tkunx kompluta jekk ma nersqux għas-Sagrament tal-Qrar u l-Ewkaristija.
- Il-Kor Parrokkjali ikun taħt it-tmexxija tad-direttur Jurgen Debono.
- Fil-jiem tat-Tridu, lejliet u nhar il-festa jagħti s-sehem tiegħu l-Coro Bel Canto u l-orkestra taħt it-tmexxija tad-direttur Hermann Farrugia Frantz.
- Id-donazzjonijiet tal-Bukkett ta' Mħabba se jmorru għall-proġett tad-dawl tal-Knisja Arċipretali minn barra. Nirringrazzjawkom bil-quddiem tal-ġenerożità tagħkom.
- Il-Parroċċa tirringrazzja lil dawk kollha li jagħtu sehemhom b'ħafna mħabba u dedikazzjoni mhux biss fil-ġranet tal-festa imma matul is-sena kollha.
- L-Arċipriet, il-kleru tal-Parroċċa u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali jixtiequ jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd!


Spencer
Snack Bar & Take Away
Forget the rest ... Insist on the Best!
Spencer Hill,
Marsa
2124 1513 / 9923 5702


BENJAMIN
PIZZERIA


Samira Scerri
singer for weddings & other occasions with organ accompaniment...
7728 1002
samirascerri@gmail.com


9944 0587
info@soundfactorymalta.net
Sound Factory Malta
SoundFactory
Malta



Dan ir-ritratt ittieħed minn Dwardu Debono (Dwardu Photography) li ġentilment tana d-dritt li nippubblikawh f'din il-pubblikazzjoni.

# J.T. Jewellers

498 , Victory Street, Qormi
Tel: 21445687
Email: jtjewellersqormi@gmail.com

*Cash for your Gold*

ESPRIT
FOSSIL
CITIZEN
MORELLATO
DW Daniel Wellington
BULOVA
pierre cardin PARIS
BREIL

---

# KRK Autoparts & towing

2144 3219
7993 5984
9949 5467

krkautoparts@onvol.net

Valletta Road, Qormi
QRM 3618

Find us on Facebook

---

# Lisbon Squashes

Saint Edward Street, Qormi
2148 7276
7947 0087 / 7989 2847 / 9985 5043
lisbonsquashes@gmail.com

*Lisbon Squashes is recognized for more than 50 years as old traditional family drink...*

---

# PhotoPoint

**PROFESSIONAL Services:**
**for any occasion**

**Special offer on Baptisms:**
30 - 8"x10" photos will be mounted
in a Personalized Photo Album
with the picture of your baby on the
back and front cover.
The service of a professional photographer
is included.
All this for only €190
*For further information call: 79055107*

## INNU POPOLARI LIL SAN SEBASTJAN MARTRI



F'jum il-ferħ tal-kbira festa,
L-ilsna, l-qlub kollha jtennulek,
Sebastjan, f'dal-jum ta' mħabba
Inni sbieħ ukoll jinsġulek.

F'dan il-jum, il-ħlejjaq kollha
L-art, il-baħar u s-smewwiet
Tifħir, glorja lilek jagħtu
Tal-ikbar għeġubijiet.

Minn tad-dinja banda għal oħra
Jidwi kbir u sabiħ ismek
Għalkemm l-isem le ma jiżboq
Ta' min ħalqek Hu aqwa minnek.

O glorjuż suldat qalbieni
Minn t'appostlu prova tajt
Hemm fil-ħabs minn ta' Nikostratu
T'Alla l-kelma int ppritkajt.

F'Ruma wisq kienu l-pagani
Li l-fidi ħaddnu 'mħabba fik
Ċarċru demmhom, mietu martri
Wardiet sbieħ wisq kienu għalik.

Sliem għalik o tawmaturgu
Difensur tal-fidi tagħna
B'dik l-imħabba li fik tgħammar
Deh' mexxina u ieqaf magħna.

Agħmel int illi jitrażżnu
It-tempesti, il-mard u l-ġuħ
U ż-żerniq ta' ġranet isbaħ
F'ferħ jinbidel tagħna d-dmugħ.

B'leħen wieħed u b'qalb waħda
Kif aħna llum ferħanin
Viva ngħajtu SEBASTIANO
Protettur tagħna l-Qormin.

*Mużika: Ċensinu Bugeja*
*Versi: Filippo Abela*

alfgatt
autoparts



2148 8653/2149 0270

sgatt@isg.com.mt

AlfGatt Autoparts

# Main Highlights of the Feast Programme

**Wednesday 9 July | Community Day**

**7:30pm** Mass in English at the Parish Centre in preparation for the village titular feast. Celebrated by Rev. Can. Dillon Bugeja, Vice-Archpriest

**Saturday 19 July | Eve of the Feast**

**7:30am** Confessions at the Parish Church.

**8:30am** Thanksgiving Mass concluding with the hymn of thanksgiving *Te Deum*. Celebrated by Rev. Can Vinċenz Borg

**5:30pm** Said Mass at the Parish Church.

**6:15pm** Solemn Translation of the relic of Saint Sebastian Martyr from the Old Church to the Parish Church, concluding with the Hymn to the Martyr and the Antiphon.
Presided by His Lordship Bishop Sandro Overend Rigillo OFM, Episcopal Vicar for Benghazi, Libya

**7:15pm** Solemn Mass with the singing of First Vespers.
Celebrated by His Lordship Bishop Sandro Overend Rigillo OFM, Episcopal Vicar for Benghazi, Libya

**Sunday 20 July | Feast Day**

Mass times: 6:30am, 7:15am (*in the Chapel of the Augustinian Sisters*), 8:30am, 10:30am and 6:00pm

**8:30am** Solemn Concelebrated Mass for the Titular Feast of Saint Sebastian Martyr.
Celebrated by Rev. Mgr. Joe Borg, Port Chaplain of the Apostleship of the Sea and the Seafarers' Centre
Homily of praise to Saint Sebastian Martyr delivered by Rev. Franco Fenech, Parish Priest of the Immaculate Conception Parish, Hamrun

**10:30am** Mass with the participation of children and families.

**6:00pm** Solemn Mass.
Celebrated by Rev. Can. Karl Andrew Schembri, Vice-Archpriest of the Parish of St. Paul, Rabat

**7:15pm** Solemn procession with the titular statue of Saint Sebastian Martyr through the following streets: Victory, St. Raphael, St. Sebastian, St. Bartholomew, Main Street, St. Sebastian and Archpriest's Church.
Led by Rev. Can. Karl Andrew Schembri, Vice-Archpriest of the Parish of St. Paul, Rabat

**10:30pm** Return of the procession to the Parish Church, concluding with the singing of the Antiphon and Eucharistic Blessing.

# MIKE SERVICE STATION LTD.

Triq il-Kbira, Ħal Qormi QRM 1109

TEL: 2148 7007/2149 5279



Għall-irħas xirja...

PAVI
SHOPPING COMPLEX
QORMI

PAMA
SHOPPING VILLAGE
MOSTA

SUPER PRICES EVERYDAY

Kulħadd jaf!

PAVIPAMA.COM.MT

# Festa Titulari ta' San Sebastjan Martri 2025

*Programm tal-Festi ta' Barra*

**Il-Ġimgħa 4 ta' Lulju**

**8:00pm** Lejla Sajfija organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi fi Ġnien l-Armier.

**Is-Sibt 5 ta' Lulju**

**8:00pm** Ikla Maltija organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi u l-Għaqda tan-Nar San Sebastjan fi Ġnien l-Armier.

**L-Erbgħa 9 ta' Lulju**

**5:30pm** Festin tal-festa għat-tfal organizzat minn Pintoninu Kids fl-iskola primarja.

**Il-Ġimgħa 11 ta' Lulju**

**9:00pm** Kunċert ġenerali ta' marċi brijużi u BBQ organizzat mis-Soċjetà Filarmonika Pinto quddiem il-każin.

**Is-Sibt 12 ta' Lulju**

**4:45pm** Quddiesa fil-kumpless tan-nar li tintemm bit-tberik tan-nar li ġie mħejji għall-festa.
Imexxi: Kan. Dun Ewkarist Zammit, Arċipriet

**6:00pm** Riċeviment tal-festa organizzat mill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan għall-membri u benefatturi.

**Il-Ħadd 13 ta' Lulju**

**8:15am** Quddiesa tal-bidu tal-festa fi Triq Santa Marija.
Imexxi: Patri Michael Camilleri O.P., Direttur Spiritwali tal-Għaqda Każini tal-Baned u Kappillan tal-Parroċċa ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo u San Duminku, il-Belt Valletta

**9:30am** Riċeviment tal-festa organizzat mis-Soċjetà Filarmonika Pinto għall-membri, bandisti, għaqdiet tal-festa u għaqdiet ċivili, benefatturi u persuni distinti.

**11:15am** Riċeviment tal-festa organizzat mill-Għaqda Armar San Sebastjan għall-membri u benefatturi.

**It-Tnejn 14 ta' Lulju**

**8:00am** Ħruq piroteknika tal-bomba, murtali u murtaletti.

**12:00pm** Ħruq piroteknika tal-bomba, murtali u murtaletti.

**1:00pm** Ikla b'risq l-armar tal-festa organizzata mill-Għaqda Armar San Sebastjan.

**8:00pm** Marċ mill-Banda Pinto li jibda minn quddiem il-każin sa quddiem il-Knisja Arċipretali li jkompli b'tislima lill-vara titulari bid-daqq tal-Innu Popolari u innijiet oħra lil San Sebastjan fil-ħruġ tagħha mill-Knisja Arċipretali.

| | |
|---|---|
| | Wara l-ħruġ tkompli b'marċ li jgħaddi mit-toroq: il-Knisja Arċipretali u San Bastjan minn fejn tibda dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Sebastjan fl-Ewwel Martirju. |
| **8:15pm** | L-Għaqda tan-Nar San Sebastjan issellem lill-vara titulari bi ħruq ta' salut, kaxxa nfernali Spanjola u settijiet ta' murtali tal-beraq bil-logħob u murtaletti. Marċ brijuż mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq li jibda minn quddiem il-Knisja Arċipretali u jgħaddi mit-toroq: il-Vitorja, Antonio Muscat Fenech, San Dwardu, iż-Żinżel, San Bastjan, San Benedittu u San Bartilmew. |
| **9:00pm** | Ħruq piroteknikuta' sferi, blalen, murtali tal-beraq ikkulurit, murtali fuq il-bukketti u murtali tal-kulur. |
| **9:45pm** | Il-Banda Pinto u l-Għaqda Mużikali San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq jakkumpanjaw l-istatwa ta' San Sebastjan fl-Ewwel Martirju tul Triq San Bartilmew u Triq il-Kbira. |
| **10:45pm** | Iż-żewġ baned jilqgħu x-xbieha tal-anġlu tal-inkurunazzjoni li jagħmel parti mill-istatwa ta' San Sebastjan fl-Ewwel Martirju li jinħareġ minn Dar l-Armar fi Triq il-Kbira. |
| **11:00pm** | Tlugħ tal-istatwa ta' San Sebastjan fl-Ewwel Martirju fuq il-pedestall fi Triq il-Kbira fost il-briju tad-devoti u partitarji Qriema Bastjaniżi. Il-marċ brijuż ikompli tul Triq San Bastjan. |

### It-Tlieta 15 ta' Lulju

| | |
|---|---|
| **1:00pm** | Ikla b'risq in-nar tal-festa organizzata mill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan. |
| **8:30pm** | Marċ brijuż mis-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V. M. taż-Żurrieq li jibda minn quddiem il-Knisja ż-Żgħira u jgħaddi mit-toroq: Santa Marija, San Benedittu u il-Kbira. |
| **9:15pm** | Is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V. M. taż-Żurrieq tilqa' l-vara ta' San Sebastjan Difensur tal-Fidi li toħroġ minn Dar l-Armar fi Triq il-Kbira u tkompli b'dimostrazzjoni fit-toroq: Correa, il-Ħabbież, il-Ġunġlien, Amleto Spiteri, it-Tensila u l-Ħabbież. |
| **10:30pm** | Tlugħ tal-istatwa ta' San Sebastjan Difensur tal-Fidi fuq il-pedestall fi Triq il-Ħabbież u wara l-marċ brijuż ikompli fit-toroq: Ġużeppi Ciappara, il-Kbira, San Ġużepp, San Sebastjan u jintemm quddiem il-Knisja ż-Żgħira. |
| **10:45pm** | Feature awdjoviżiv fi Triq il-Ħabbież. |
| **11:45pm** | Wirja piroteknika ta' logħob tan-nar tal-art fil-pjazza tal-Knisja ż-Żgħira. |

### L-Erbgħa 16 ta' Lulju | L-Ewwel Jum tat-Tridu

| | |
|---|---|
| **8:00am** | Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti. |
| **12:00pm** | Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti. |
| **1:00pm** | Ikla b'risq il-marċi tal-festa organizzata mill-Kummissjoni Attivitajiet fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Pinto. |
| **8:30pm** | Marċ brijuż mill-Għaqda Mużikali Kristu Sultan Banda Paola ta' Raħal Ġdid li jibda minn quddiem il-każin u jgħaddi mit-toroq: San Bastjan, San Rafel, |

Ġużè Galea, San Dwardu, il-Ġdida, Ġużè Duca, Santa Katarina, il-Vitorja, San Bastjan u jintemm quddiem il-każin.

**8:30pm** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti mal-Barka Sagramentali.

**9:00pm** Ħruq pirotekniku ta' sferi, blalen, murtali tal-beraq ikkulurit, murtali fuq il-bukketti u murtali tal-kulur.

**11:45pm** ***Sound of Colours*** – Spettaklu awdjoviżiv sinkronizzat mal-mużika maħdum mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.

### Il-Ħamis 17 ta' Lulju | It-Tieni Jum tat-Tridu

**8:00am** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**12:00pm** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**1:00pm** Ikla b'risq il-planċier organizzata mill-Kummissjoni Planċier fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Pinto.

**8:30pm** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti mal-Barka Sagramentali.

**9:15pm** Ħruq pirotekniku ta' sferi, blalen, murtali tal-beraq ikkulurit, murtali fuq il-bukketti u murtali tal-kulur.

**9:15pm** Programm vokali u strumentali mill-Banda Pinto fuq il-planċier quddiem il-każin.

**10:15pm** Fi tmiem l-Innu l-Kbir lil San Sebastjan Martri jiġu inawgurati l-pitturi tal-bandalori ta' Triq San Bastjan wara xogħol ta' restawr mill-artist Pawlu Camilleri Cauchi.

### Il-Ġimgħa 18 ta' Lulju | It-Tielet Jum tat-Tridu

**8:00am** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**12:00pm** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**1:00pm** Ikla b'risq il-briju tal-marċi tal-festa organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.

**8:45pm** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti mal-Barka Sagramentali.

**9:15pm** Wirja piroteknika li tibda bl-isfejjer u tkompli bi ħruq ta' murtali tal-beraq



ikkulurit bil-logħob, murtali fuq il-bukketti, murtali tal-kulur, murtali bil-blalen u varjazzjoni ta' blalen fit-tmiem.

**9:30pm** Marċ brijuż mill-Banda Pinto li jibda minn quddiem il-każin u jgħaddi mit-toroq: San Bastjan, l-Armier, Patri G. Spiteri Fremond, il-Ġnien, Fontanier, Vjal de la Cruz, is-Sienja, Ġorġ Borg, Santu Rokku, il-Kunċizzjoni, l-20 ta' Jannar, Amleto Spiteri, Correa, il-Flora u Mifsud Ellul.

**10:45pm** Il-Banda Pinto tilqa' l-istatwa ta' San Sebastjan Rebbieħ li toħroġ minn Dar l-Armar fi Triq il-Kbira u tkompli f'dimostrazzjoni tul Triq San Bastjan akkumpanjata mill-kannizzata artistika fost briju organizzat mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.

**12:30am** Tlugħ tal-istatwa ta' San Sebastjan Rebbieħ fuq il-pedestall quddiem il-każin fost il-briju tad-devoti u partitarji Qriema Bastjaniżi.

## Is-Sibt 19 ta' Lulju | Lejliet il-Festa

**9:00am** Ħruq piroteknikutа' kaxxa tal-bomba, murtaletti u murtali bil-logħob mal-kant tat-*Te Deum*.

**11:45am** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**6:15pm** Il-Banda Pinto takkumpanja t-Tranżlazzjoni Solenni tar-relikwa ta' San Sebastjan mill-Knisja ż-Żgħira sal-Knisja Arċipretali b'daqq ta' innijiet u marċi. Wara tkompli b'marċ pulit minn quddiem il-Knisja Arċipretali li jgħaddi mit-toroq: Patri G. Spiteri Fremond, il-Ġnien, San Bastjan u jintemm quddiem il-każin.

**6:15pm** L-Għaqda tan-Nar San Sebastjan issellem lir-relikwa ta' San Sebastjan Martri bi ħruq ta' salut, kaxxa nfernali Spanjola, murtaletti u settijiet varjati ta' murtali tal-beraq bil-logħob.

**8:15pm** Programm vokali u strumentali mis-Soċjetà Filarmonika Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar fuq il-planċier quddiem il-każin.

**9:30pm** Wirja piroteknika ***Fiesta Grande*** li tibda bi spettaklu piro-mużikali li jinkludi varjazzjoni ta' baraxxijiet, fetħiet tal-beraq u tal-kulur, blalen u sfejjer.
Wara nassistu għal ħruq ta' murtali tal-beraq ikkulurit bil-logħob, murtali fuq il-bukketti, murtali tal-kulur, murtali bil-blalen tal-beraq u tal-kulur u varjazzjoni kbira ta' blalen kbar u blalen tal-blalen.
L-ispettaklu jintemm bi spettaklu piro-mużikali li jinkludi varjazzjoni ta' baraxxijiet, fetħiet tal-beraq u tal-kulur, blalen, sfejjer u bomba tal-lampjun.

**10:30pm** Marċ mis-Soċjetà Filarmonika Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar li jibda minn quddiem il-każin u jgħaddi minn Triq il-Knisja Arċipretali sal-Pjazza Kortil tal-Granmastru.

**11:30pm** Wirja piroteknika ta' logħob tan-nar tal-art mekkanizzat fil-Pjazza Kortil tal-Granmastru akkumpanjat minn spettaklu ta' dawl u mużika.

## Il-Ħadd 20 ta' Lulju | Jum il-Festa

**9:45am** Ħruq pirotekniku ta' murtaletti u murtali bil-logħob mas-*Sanctus*.

**11:10am** Mixja simbolika mit-tfal bil-bandiera tas-Soċjetà Filarmonika Pinto u tlugħ tal-bandiera prima mal-arblu tal-każin.

**11:15am** Marċ brijuż tradizzjonali mill-Banda Pinto li jibda minn quddiem il-każin u jgħaddi mit-toroq: il-Knisja Arċipretali, il-Vitorja, il-Ġdida, il-Vitorja, San Bastjan, San Bartilmew, il-Kbira, San Bastjan u jintemm quddiem il-każin.

**12:00pm** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**1:00pm** Spettaklu ta' karti sinkronizzat mal-mużika maħdum mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.

**2:45pm** Dħul tal-marċ bid-daqq tal-Innu Popolari lil San Sebastjan Martri.

**6:30pm** Marċ mill-Banda King's Own tal-Belt Valletta li jgħaddi mit-toroq: San Bastjan, il-Knisja Arċipretali u jintemm quddiem il-Knisja Arċipretali biex jilqa' l-vara titulari ta' San Sebastjan fil-ħruġ tal-purċissjoni solenni.
Takkumpanja l-purċissjoni solenni l-Għaqda Mużikali Marija Bambina Banda Vittorja tan-Naxxar.

**7:15pm** L-Għaqda tan-Nar San Sebastjan issellem lill-vara titulari bi ħruq ta' salut, kaxxa nfernali Spanjola u varjazzjoni kbira ta' murtali tal-beraq bil-logħob.

**8:00pm** Marċ mill-Banda Leone tar-Rabat, Għawdex, li jibda minn tarf Triq San Rafel u jgħaddi mit-toroq: San Bastjan, San Bartilmew, il-Kbira, San Bastjan u il-Knisja Arċipretali sad-dħul tal-purċissjoni fil-Knisja Arċipretali.

**8:15pm** Programm vokali u strumentali mill-Banda King's Own tal-Belt Valletta fuq il-planċier quddiem il-każin.



**8:30pm** Il-purċissjoni solenni tasal fil-pjazza tal-Knisja ż-Żgħira fejn tiġi mġedda l-wegħda tal-Qriema lill-protettur tal-Belt Pinto b'talb speċjali kontra l-mard terminali quddiem l-istatwa tal-ġebel ta' San Sebastjan.
Il-Kummissjoni Kultura fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Pinto tqassam ħobż frisk bħala tifkira tal-Belt Pinto - belt il-furnara.

**9:00pm** Wirja piroteknika li tibda bl-isfejjer u titkompla bi ħruq ta' murtali tal-beraq ikkulurit bil-logħob, murtali tal-beraq biċ-ċentru, murtali fuq il-bukketti, murtali tal-kulur, varjazzjoni ta' blalen u tintemm b'kaxxa tal-kulur u bomba tal-lampjun mad-dħul tal-purċissjoni.

**9:45pm** Il-purċissjoni solenni tasal quddiem il-każin fejn jindaqqu u jitkantaw innijiet lil San Sebastjan u l-Innu Popolari lil San Sebastjan Martri.

**11:00pm** Marċ tal-aħħar mill-Banda Pinto li jakkumpanja lid-dilettanti tan-nar minn quddiem il-Knisja Arċipretali sa quddiem il-każin.

**It-Tnejn 21 ta' Lulju**

**9:00am** Tluq tax-xalata tradizzjonali minn quddiem il-każin lejn il-bajja tal-Armier.

**6:00pm** Tluq lura tax-xalata tradizzjonali mill-bajja tal-Armier lejn Ħal Qormi.

**8:30pm** Inżul tal-istatwa ta' San Sebastjan Rebbieħ minn fuq il-pedestall quddiem il-każin fost il-briju mill-partitarji Bastjaniżi.

- Is-servizzi mużikali tal-baned mistiedna ġew ikkordinati mill-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Pinto.
- Il-Banda Pinto tkun taħt id-direzzjoni mużikali tas-Surmast Direttur Dominic Darmanin.
- In-nar kollu ta' matul il-jiem tal-festa ġie maħdum fil-kumpless tan-nar taħt id-direzzjoni tal-*licensee* tal-Għaqda tan-Nar San Sebastjan Justin Facciol.
- L-armar tat-toroq ewlenin ta' Ħal Qormi ġie armat mill-membri tal-Għaqda Armar San Sebastjan.
- L-armar u l-briju waqt il-marċi tal-festa ġie kkordinat mill-membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.


copyserv
Address
56, Manuel Magri Str, Hamrun
Email
info@copyservltd.com
Telephone
27282748
Mobile
77940904
A4 Black and White Photocopies
1c5
A4 Colour Photocopies
5c
Forget the Rest. Our prices are the Best!

# X'sar matulek, ja sena, fil-Parroċċa tagħna?

*Djarju Parrokkjali 2024/2025*

- **21 ta' Lulju** - Festa titulari ta' San Sebastjan Martri
- **Mit-22 ta' Lulju sal-1 ta' Awwissu** - Ismael Borg Debono għamel esperjenza bħala abbati fil-Vatikan
- **26 ta' Lulju** - Mument spiritwali u soċjali għan-nanniet u n-neputijiet organizzat mill-Kummissjoni Familja fl-okkażjoni ta' Jum in-Nanniet
- **29 ta' Lulju** - Quddiesa mill-Isqof Giovanni Cefai MSSP b'ringrazzjament għas-somma ta' €9,000 karità li l-Parroċċa għamlet fir-Randan b'risq il-missjoni tiegħu fil-Perù

- **3 ta' Awwissu** - Il-Kan. Dun Noel Borg beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala Viċi-Arċipriet tal-Parroċċa
- **Mid-9 sas-16 ta' Awwissu** - Ġita fl-Awstrija, il-Bavarja u l-Ġermanja organizzata mill-Parroċċa
- **15 ta' Awwissu** - Il-pellegrinaġġ annwali tal-muturi għamel waqfa fil-Parroċċa tagħna fi triqtu lejn Ħad-Dingli
- **Mit-28 ta' Awwissu sat-8 ta' Settembru** - Mikhail Camilleri għamel esperjenza bħala abbati fil-Vatikan

- **6 ta' Settembru** - Professjoni Solenni ta' Br Matthew Alfino SDB u Br Raphael Axisa SDB mas-Soċjetà tas-Salesjani ta' Don Bosco fil-Knisja Arċipretali
- **11 ta' Settembru** – Quddiesa ta' Liberazzjoni b'talb speċjali kontra l-qawwa tal-ħażin u l-ħakma tax-xitan
- **13 ta' Settembru** - Jum ta' talb għall-konverżjoni tal-midinbin
- **15 ta' Settembru** - Preżentazzjoni ta' bukkett fjuri lill-kwadru devot tal-Madonna tal-Grazzja waqt il-pellegrinaġġ tar-roti u l-muturi li għadda mill-Parroċċa tagħna fi triqtu lejn Ħaż-Żabbar
- **Mis-16 sad-19 ta' Settembru** - Ġimgħa ta' Tagħlim organizzata mis-Soċjetà tal-MUSEUM
- **20 u 21 ta' Settembru** - Musical imtella' mill-grupp taż-żgħażagħ IMPACT fiċ-Ċentru Parrokkjali
- **21 ta' Settembru** - Seminar formattiv għall-katekisti taċ-ċentri tad-duttrina
- **24 ta' Settembru** - Attività għall-anzjani organizzata mill-Kummissjoni Djakonija
- **29 ta' Settembru** - Tberik tal-basktijiet tal-iskola fil-bidu tas-sena skolastika
- **30 ta' Settembru** - Bidu tas-sena kateketika

- **F'Ottubru** r-Rużarju ta' filgħaxija ġie animat minn gruppi differenti tal-Parroċċa
- **7 ta' Ottubru** - Jum ta' sawm u talb għall-paċi fid-dinja fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju
- **13 ta' Ottubru** - Festa tal-Madonna tar-Rużarju fil-Parroċċa
- **Mill-14 sal-20 ta' Ottubru** - Ġimgħa Familja organizzata mill-Kummissjoni Familja
- **20 ta' Ottubru** - Seminar għall-għarajjes li qed jiżżewġu fl-2025
- **25 ta' Ottubru** - 5 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja ż-Żgħira

- **27 ta' Ottubru** - Pellegrinaġġ bil-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu u Konċelebrazzjoni Solenni fl-okkażjoni tal-Kungress Nazzjonali tat-Terzjarji Karmelitani

- **1 ta' Novembru** - Ġurnata Għawdex għall-familja kollha organizzata mill-grupp tal-Ladies Circle
- **2 ta' Novembru** - Quddiesa li ntemmet bit-tberik tal-oqbra fiċ-ċimiterju ta' Ħal Qormi
- **3 ta' Novembru** - Seminar għall-ġenituri, parrini u l-adolexxenti li rċivew il-Griżma tal-Isqof f'Novembru li għadda
- **5 ta' Novembru** – Laqgħa formattiva dwar il-Ġublew tat-Tama organizzata mill-Grupp Familji Nsara
- **10 ta' Novembru** - 74 adolexxent irċivew is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof mill-Arċisqof Emeritu George Frendo O.P.
- **14 ta' Novembru** - Ħarġa għall-anzjani organizzata mill-Kummissjoni Djakonija
- **22 ta' Novembru** - Ikla għall-irġiel kollha fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin
- **30 ta' Novembru u 1 ta' Diċembru** - Bejgħ ta' punsjetti tal-Milied organizzat mill-grupp taż-żgħażagħ IMPACT

- **4 ta' Diċembru** - Irtir tal-Avvent fil-Knisja ta' Santa Marija, Bubaqra
- **7 ta' Diċembru** - Kunċert tal-Milied bis-sehem ta' 6 korijiet internazzjonali u l-Kor Parrokkjali bħala parti mis-sitt edizzjoni tal-Festival Internazzjonali tal-Korijiet għall-Milied
- **15 ta' Diċembru** - Tesserament tal-membri tal-Azzjoni Kattolika tal-Parroċċa
- **Mill-15 sat-23 ta' Diċembru** - Matul in-Novena tal-Milied, il-Quddiesa ta' filgħaxija ġiet animata minn gruppi differenti tal-Parroċċa
- **22 ta' Diċembru** - Tberik tal-presepji u l-Bambini tat-tfal
- **23 ta' Diċembru** - Qrar bi tħejjija għall-Milied fil-Knisja Arċipretali
- **24 ta' Diċembru** - Velja tal-Milied bit-tema ***It-Twelid tat-Tama*** bis-sehem tal-grupp taż-żgħażagħ IMPACT, il-Kummissjoni Tfal u l-Kor Parrokkjali tat-Tfal



**Waqfa tat-tliet slaten maġi fil-Knisja Arċipretali**

- **24 u 25 ta' Diċembru** - Saret ġabra ta' karità b'risq id-Dar tal-Providenza li laħqet is-somma ta' €6,500 u li ġiet ippreżentata fil-Festa ta' Ġenerożità fl-**1 ta' Jannar 2025**
- **Mis-26 sat-28 ta' Diċembru** - Kwaranturi Solenni fil-Knisja ż-Żgħira
- **29 ta' Diċembru** - Quddiesa organizzata mill-Kummissjoni Familja li għaliha kienu mistiedna l-koppji li żżewġu fl-2024 u dawk li ċċelebraw il-5, il-15 u l-20 anniversarju miżżewġin
- **30 ta' Diċembru** - Quddiesa għall-anzjani u l-morda organizzata mill-Kummissjoni Djakonija

- **4 ta' Jannar** - Quddiesa minn Fr Antoine Farrugia SDB li f'isem ir-residenti tad-Dar Saint Patrick's irringrazzja lill-Parroċċa għall-inizjattiva annwali ta' karità għal żmien l-Avvent

- **4 ta' Jannar** - It-tliet slaten maġi waqfu jagħmlu mument ta' adorazzjoni quddiem ix-xbieha ta' Ġesù Bambin fil-Knisja Arċipretali fi triqithom lejn Betlehem f'Għajnsielem
- **5 ta' Jannar** - Purċissjoni tat-tliet Slaten Maġi mill-Knisja ż-Żgħira sal-Knisja Arċipretali
- **12 ta' Jannar** - Il-Mobile Blood Donation Unit kien ħdejn il-Knisja Arċipretali biex il-pubbliku kellu l-opportunità li jagħti d-demm
- **Mit-13 ta' Jannar sat-3 ta' Marzu** - Il-Parroċċa flimkien mal-Istitut tal-Formazzjoni Pastorali organizzaw kors ta' 6 laqgħat miftuħ għal kulħadd marbut mal-Ġublew tat-Tama
- **16 ta' Jannar** - Serata mużikali bit-tema ***Musbieħ Jixgħel u Jiddi*** mtella' mill-Kor Parrokkjali u l-orkestra li ntemm bl-inawgurazzjoni tal-proġett tal-koppla u l-mixegħla tal-ewwel fażi tal-proġett tad-dawl tal-Knisja Arċipretali minn barra
- **17 ta' Jannar** - Quddiesa tal-festa ta' San Sebastjan bis-sehem tat-tfal u l-familji
- **Mit-18 sal-20 ta' Jannar** - Il-Knisja Arċipretali u l-Knisja ż-Żgħira kienu knejjes Ġubilari marbutin mal-Indulġenza Plenarja fis-Sena Mqaddsa tal-Ġublew tat-Tama
- **18 ta' Jannar** - Quddiesa li fiha t-tfal li ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof f'Novembru li ġej bdew il-mixja spiritwali ta' tħejjija
- **18 ta' Jannar** - Ikla tal-festa b'risq il-proġetti tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali
- **19 ta' Jannar** - Pellegrinaġġ għat-tfal bir-roti u scooters mill-Knisja Arċipretali sal-Knisja ż-Żgħira
- **19 ta' Jannar** - Bidu tal-Kors ta' Kana għall-għarajjes
- **19 ta' Jannar** - Tranżlazzjoni u Konċelebrazzjoni solenni bil-vestizzjoni ta' 6 abbatini ġodda fid-39 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Arċipretali
- **20 ta' Jannar** - Festa liturġika ta' San Sebastjan Martri

- **2 ta' Frar** - It-tfal li għamlu l-Ewwel Tqarbina f'Ġunju li għadda għamlu t-talba lill-Knisja biex jirċievu dan is-Sagrament
- **11 ta' Frar** - Nofs ta' nhar Adorazzjoni Ewkaristika għall-bżonnijiet tal-morda u dawk li jieħdu ħsiebhom fil-Knisja ż-Żgħira
- **28 ta' Frar** - Festin tal-Karnival għat-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali

- **Mill-5 sad-9 ta' Marzu** - Żjara tax-xbieha devota u mirakoluża tal-Ecce Homo meqjuma fil-Bażilika ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo u San Duminku, il-Belt Valletta
- **12 ta' Marzu** - Irtir tar-Randan fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Rxoxt, Pembroke
- **17 u 20 ta' Marzu** - L-Ewwel Qrara għat-tfal li rċivew l-Ewwel Tqarbina f'Ġunju li għadda
- **29 ta' Marzu** – Quddiesa li fiha l-membri tal-Leġjun ta' Marija tad-distrett ġeddew il-wegħdiet tagħhom waqt iċ-ċerimonja tal-ACIES
- **31 ta' Marzu -** Irtir għall-membri tal-grupp tal-għarajjes Growing Together immexxi minn Fr Martin Cilia MSSP

- **3 ta' April** - Quddiesa għall-anzjani u l-morda organizzata mill-Kummissjoni Djakonija fil-festa ta' Ġesù Redentur
- **3 ta' April** - Pellegrinaġġ għall-Kurċifiss Mirakoluż ta' Ġieżu organizzat mill-Parroċċa
- **6 ta' April** - It-tfal offrew il-Karus ta' Mħabba bħala karità għal żmien ir-Randan waqt mument ta' riflessjoni bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa
- **10 ta' April** - Velja ta' Qrar bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa

- **Mill-14 sas-16 ta' April** - Id-Drama Group tal-Parroċċa tella' d-dramm tal-passjoni **Id-Destin?** fiċ-Ċentru Parrokkjali
- **14 ta' April** - Pellegrinaġġ għar-Redentur tal-Isla organizzat mill-Parroċċa
- **15 ta' April** - Via Sagra fiż-żona tal-ex-Shopwise
- **Mill-21 ta' April sas-26 ta' April** - Il-Parroċċa sellmet il-memorja tal-Papa Franġisku bid-daqq tal-qniepen mit-tħabbira tal-mewt tiegħu sa dakinhar tal-funeral
- **23 ta' April** - Attività għall-familja kollha fil-festa tradizzjonali ta' San Girgor organizzata mill-grupp tal-Ladies Circle
- **23 ta' April** - Fratelli mis-Sodalità San Sebastjan ħadu sehem fil-Ġublew tal-Fratellanzi organizzat mill-Arċidjoċesi ta' Malta fil-festa tradizzjonali ta' San Girgor
- **Mill-24 sat-28 ta' April** - Membri miż-żewġ gruppi taż-żgħażagħ tal-Parroċċa ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew tal-Adolexxenti fil-Vatikan
- **Mill-24 sad-29 ta' April** - Pellegrinaġġ għal Ruma fl-okkażjoni tal-Ġublew tat-Tama organizzat mill-Parroċċa



**Żjara tax-xbieha devota u mirakoluża tal-Ecce Homo**

- **4 ta' Mejju** - Nofs ta' nhar Adorazzjoni Ewkaristika bi tħejjija għall-Konklavi u l-għażla tal-Papa l-ġdid fil-Knisja ż-Żgħira
- **4 ta' Mejju** - Quddiesa b'sufraġju għal ruħ il-Papa Franġisku
- **7 ta' Mejju** - Fil-Quddies kollu ġiet iċċelebrata l-Quddiesa speċjali *Pro Eligendo Romano Pontifice* (Għall-Għażla tal-Papa l-Ġdid)
- **8 ta' Mejju** - Il-Parroċċa ingħaqdet mal-ferħ tal-Knisja Kattolika bid-daqq tal-qniepen fl-elezzjoni tal-Papa Ljun XIV
- **8 ta' Mejju** - Il-grupp taż-żgħażagħ CONNECT fetaħ il-bibien tiegħu għall-membri
- **9 ta' Mejju** - Quddiesa għat-tfal u l-familji fil-festa tal-qaddis Malti San Ġorġ Preca
- **11 ta' Mejju** - Vjatku Solenni tal-morda tal-Parroċċa
- **12 ta' Mejju** - Quddiesa b'sufraġju għall-erwieħ tal-ommijiet mejtin fiċ-ċimiterju ta' Ħal Qormi
- **Mill-15 sad-19 ta' Mejju** - Membri mill-fratellanzi tas-Sodalità San Sebastjan ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew tal-Fratellanzi fil-Vatikan
- **18 ta' Mejju** - Festa tal-Madonna ta' Pompej fil-komunità tas-sorijiet Agostinjani tal-Parroċċa tagħna
- **22 ta' Mejju** - Laqgħa formattiva dwar il-Ġublew tat-Tama mmexxija mill-Isqof Awżiljarju Mons. Joseph Galea Curmi fil-Kunsill Lokali
- **25 ta' Mejju** - Ġiet ippreżentata s-somma ta' €7,650 miġbura fl-inizjattiva ta' karità li l-Parroċċa għamlet fir-Randan b'risq il-ħidma ta' sptar Malti fil-Ghana mmexxi minn Hopexchange Malta

- **28 ta' Mejju** - Laqgħa formattiva dwar l-ewtanażja mmexxija mill-konsulenta tal-onkoloġija Dr. Doreen Pace fiċ-Ċentru Parrokkjali
- **29 ta' Mejju** - Ħarġa Marjana organizzata mill-Kummissjoni Djakonija għall-anzjani u l-familji tagħhom fil-Kappella tal-Madonna tat-Triq, Binġemma
- **Mid-29 ta' Mejju sas-6 ta' Ġunju** - Matul in-Novena ta' Għid il-Ħamsin, wara l-Quddiesa ta' filgħaxija tlabna t-talba tan-Novena li ntemmet bil-Barka Sagramentali
- **31 ta' Mejju** - Pizza Night organizzata mill-grupp taż-żgħażagħ IMPACT fiċ-Ċentru Parrokkjali

- **1 ta' Ġunju** - Il-Mobile Blood Donation Unit kien ħdejn il-Knisja Arċipretali biex il-pubbliku kellu l-opportunità li jagħti d-demm
- **8 ta' Ġunju** - L-adolexxenti li se jirċievu l-Griżma tal-Isqof f'Novembru li ġej għamlu t-talba lill-Knisja biex jirċievu dan is-Sagrament fis-Solennità ta' Pentekoste
- **15 ta' Ġunju** - 60 tifel u tifla rċivew l-Ewwel Tqarbina
- **13 ta' Ġunju** - Ikla għall-irġiel kollha fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier
- **16 ta' Ġunju** - Quddiesa b'sufraġju għall-erwieħ tal-missirijiet mejtin fiċ-ċimiterju ta' Ħal Qormi
- **19 ta' Ġunju** - Festa tal-Qalb ta' Ġesù fiż-Żona tas-Sokkors b'Quddiesa u purċissjoni Ewkaristika
- **21 ta' Ġunju** - BBQ għall-familja kollha fiċ-Ċentru Parrokkjali
- **Mit-22 sas-27 ta' Ġunju** - Ġimgħa Ewkaristika fil-Knisja Arċipretali

- **2 ta' Lulju** - Attività għall-familja kollha fuq il-Gżejjer ta' San Pawl
- **4 ta' Lulju** - Festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata mill-grupp tat-Terzjarji Karmelitani



**Vjatku Solenni tal-morda**





QVC
Quality
Veterinary
Clinics
Quality Veterinary Care
in Qormi
BOOK AN APPOINTMENT
qvcvets.com
QORMI CLINIC
+356 2148 0480 / +356 2748 0480
74, Triq San Bastjan, Qormi
Caring for your pets,
like family.


D.E.S
DIE ECKE STATIONERY
Visit us
for all of your
Stationery
Needs
Books - Photocopies
Passport Photos
Lamination
Gifts - Toys - Electronics
Party Items - Balloons
Accessories & more
Triq Mons Mikiel Azzopardi
Siġġiewi.
+356 2146 3403
WANNA
Party
Visit us
for all of your
Party Needs
Mdina Road, Qormi.
+356 2122 2227
+356 7947 3870
Daniel's
Shopping Complex
Main Street, Ħamrun.
+356 2123 3369


CHARLES
BUTCHER
specializing in fresh local meat, poultry, and homemade products...
WIDE VARIETY OF FROZEN ITEMS AND MARINADES
273, Main Street, Qormi
7925 2365


MICALLEF
TRANSPORT SERVICES
'Tom-Mix', Valletta Road, Qormi (QRM 3618)
2147 0923
9928 3222 (Jesmond) / 9947 1516 (Robert)
info@tommix.com.mt
@tommixtransport


J.A.V. Service Station
246, Mdina Road, Qormi
2148 7141


ARTWORKS ON:
Flags • Pavaljuni • Statues • Sculptures • Filigree Accessories • Monuments
E: info@joserosand.com | M:+35698113270

# Nifirħu u Nawguraw

- lill-**Kardinal Robert Francis Prevost O.S.A.** li ġie elett u inawgurat suċċessur ta' Pietru, Vigarju ta' Kristu u Kap tal-Knisja Kattolika bħala **Papa Ljun XIV**
- lil **Fr Fabio Attard SDB** li ġie elett Rettur Maġġur tal-Kongregazzjoni Salesjana
- lill-**Em. T. l-Kardinal Mario Grech** li qed jiċċelebra l-5 anniversarju mill-għażla tiegħu bħala Kardinal
- lill-**E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna** li qed jiċċelebra l-10 anniversarju mill-għażla tiegħu bħala Arċisqof ta' Malta
- lill-**E.T. Mons. Arċisqof Emeritu George Frendo O.P.** li ġie rikonoxxut mill-Istat Malti bil-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika għall-ħidma tiegħu fil-Knisja f'Malta u fl-Albanija
- lil **Patri Andrew Galea OFM Conv.** li ġie magħżul bħala Pro-Vigarju Provinċjali tal-Provinċja Maltija San Pawl Appostlu tal-Patrijiet Minuri Konventwali
- lil **Mons. Dun Joe Borg** li ġie rikonoxxut bil-premju 'Seafarer of the Year Award' għall-ħidma tiegħu bħala Kappillan tal-Port fil-Moviment Appostolat tal-Baħar u ċ-Ċentru tal-Baħħara u li qed jiċċelebra l-55 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali
- lill-**Kan. Dun Noel Borg** fil-bidu tal-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa tagħna bħala Viċi-Arċipriet u li qed jiċċelebra l-15 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali
- lill-**Kan. Dun Mark Ellul** li ġie maħtur Delegat għall-Edukazzjoni Kattolika u li qed jiċċelebra l-15 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali
- lil **Fr Johan Bugeja SDB**, li sentejn ilu għamel il-Professjoni Perpetwa bħala Salesjan fil-Parroċċa tagħna, li din is-sena rċieva l-Ordinazzjoni Saċerdotali
- lil **Br Matthew Alfino SDB** u **Br Raphael Axisa SDB** li għamlu l-Professjoni Solenni tagħhom bħala Salesjani fil-Parroċċa tagħna
- lill-**Kor Parrokkjali** li qed jiċċelebra l-5 anniversarju mit-twaqqif tiegħu u li f'Diċembru li għadda ġie rikonoxxut għas-sehem tiegħu fis-sitt edizzjoni tal-Festival Internazzjonali tal-Korijiet għall-Milied
- lil **Renald Fenech** f'għeluq il-5 snin mill-bidu tal-ħidma tiegħu bħala sagristan fil-Parroċċa tagħna
- lil **Chris Camilleri**, Rettur Ġenerali tas-Sodalità San Sebastjan, li ġie rikonoxxut mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi bil-premju 'Għarfien il-Ħila - Servizz Volontarjat'
- lil **Emanuel Zammit**, li kien strumentali fil-bini taċ-Ċentru Parrokkjali, li ġie rikonoxxut mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi bil-premju 'Għarfien il-Ħila - Servizz lill-Komunità'
- lil **Marlon Apap** li kklasifika fl-ewwel post fil-logħob tal-boċċi fl-Olimpjadi Speċjali Maltin



BAR KLABB TAL-BOĊĊI
SAN BASTJAN
Showing live football & other sports
Free appetisers and genuine drinks for good prices
9928 3328 / 9940 5440
Find us on Facebook




CHARMING BEAUTY
BY DORIANNE
FACIALS
MAKE-UP
WAXING
EYELASH EXTENSIONS
MANICURES & PEDICURES
GEL POLISH & EXTENSIONS
SEMIPERMANENT EYEBROWS
127B, ST SEBASTIAN STREET, QORMI
+356 77477338




George's Salon
142, Saint Bartholomew Street, Qormi
2744 8234
7744 8234
Tuesdays to Saturdays | 9:00am till 5:30pm




IL-WARDA FLOWER SHOP
BY BRIAN CAMILLERI (FLORIST)
94, Triq ix-Xitwa, Qormi
2149 2626 / 7970 9996
briancamilleri.bc@gmail.com
Il-Warda Flower Shop

# Mill-Istorja tal-Parroċċa

- **10 snin** miż-żjara tal-urna bil-fdalijiet ta' San Ġwann Bosco fl-okkażjoni tal-200 sena mit-twelid tiegħu
- **25 sena** mill-bidu tal-bini taċ-Ċentru Parrokkjali
- **25 sena** mill-inawgurazzjoni tal-pavimentar taz-zuntier tal-Knisja Arċipretali
- **35 sena** mill-inawgurazzjoni u t-tberik tal-battisteru tal-Knisja Arċipretali maħdum minn Ġanni Bonnici
- **40 sena** mir-restawr u l-induratura fuq il-vara titulari ta' San Sebastjan Martri
- **45 sena** mill-inawgurazzjoni u t-tberik tal-koppla tal-Knisja Arċipretali mill-Arċisqof Mikiel Gonzi
- **55 sena** mill-mewt tal-istatwarju Qormi Xandru Mallia li l-Parroċċa tagħna tgawdi minn diversi opri artistiċi tiegħu
- **80 sena** minn meta l-pedestall maħdum mill-iskultur Xandru Farrugia għall-vara titulari ta' San Pawl ta' Ħal Safi fl-1840 (**185 sena** ilu) nxtara mill-Fratellanza tad-Duluri għall-istatwa tad-Duluri l-Wieqfa
- **85 sena** mill-Ordinazzjoni Saċerdotali u **20 sena** mill-mewt ta' Dun Gejt Cassar, saċerdot mill-Parroċċa tagħna
- **85 sena** mill-bidu tal-bini tal-Kripta tal-Knisja Arċipretali
- **90 sena** mid-digriet tal-Isqof Mauro Caruana OSB li bih twaqqfet il-Parroċċa tagħna
- **120 sena** minn meta nħadem l-arloġġ tal-Knisja ż-Żgħira minn Giuseppe u Lorenzo Suban
- **135 sena** mit-tberik tal-Knisja ż-Żgħira mill-Vigarju Mons. Ġużeppi Mercieca u **145 sena** mill-bidu tal-bini tagħha
- **210 sena** minn tmiem il-pesta tal-1813 u t-twaqqif tal-istatwa tal-ġebel ta' San Sebastjan fil-pjazza tal-Knisja ż-Żgħira maħduma minn Ċikku u Ġlormu Fabri
- **450 sena** mill-Viżta Appostolika ta' Mons. Pietro Dusina u mill-bidu tal-kult ta' San Sebastjan Martri f'Ħal Qormi





CATERERS
FOR ALL FUNCTIONS
Pinto
Triq San Bartolomew | Qormi
2144 0373


schranz
passion for exceptional projects...
2141 8758
2141 8760
schranzltd.com
info@schranzltd.com
Dakar Building, 25, 2nd Floor
Henry Calleja Street, St. Julians


The Resin and Membrane Centre
Professional Waterproofing Solutions, Resin Floors
DISCOVER the THERMAL RESIN
THE RESIN & MEMBRANE CENTRE
The Resin and Membrane Centre
254, Old Railway Track, Sta Venera
t 2747 7647
www.theresincentre.com
facebook.
Stay cool this summer and increase your solar panels intake with a professional THERMAL resin waterproofing liquid membrane 15 year guarantee.
naici


ŻIFFA
TRANSPORT
transport for every occasion and schools...
ziffatransport@gmail.com
9919 5753
9945 2990

# Xi jfisser għalija li jiena msejjaħ biex inkun saċerdot?

*Din is-sena, żewġ saċerdoti mill-Parroċċa tagħna, qed jiċċelebraw il-15-il anniversarju minn meta rċivew l-Ordinazzjoni Saċerdotali. Inizjattiva li ta' kull sena l-Parroċċa tieħu hi li tiġbor l-esperjenzi ta' dawn is-saċerdoti f'din il-pubblikazzjoni biex b'hekk nitħeġġu aktar fit-talb tagħna ħalli aktar żgħażagħ isibu f'dawn l-esperjenzi dawl li jdawwal it-triq tas-sejħa vokazzjonali tagħhom.*



**Kan. Dun Noel Borg,** Viċi-Arċipriet

Fit-23 ta' Ġunju 2010 ġejt ordnat saċerdot mill-mibki Arċisqof Pawlu Cremona wara snin ta' tħejjija fis-Seminarju. F'dawn il-15-il sena ħdimt fi tliet Parroċċi: Ħ'Attard, Ħal Balzan u issa fil-Parroċċa ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi. Nista' ngħid li l-ħajja tas-saċerdot, bl-inżul u t-tlugħ tagħha, hija ħajja sabiħa. Tul dawn is-snin tlift il-ġenituri tiegħi u billi m'għandix ħuti nista' ngħid li sibt aħwa fil-komunità.

Kemm hu sabiħ li s-saċerdot ikun preżenti fil-ħajja tan-nies f'mumenti differenti - fil-Magħmudija fejn tifraħ bit-twelid ta' tarbija ġdida, fis-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, fiż-Żwieġ fejn tifraħ bit-twelid ta' familja ġdida u fl-esperjenza ta' grazzja tal-Qrar fejn il-midneb jinħeles mit-toqol ta' dnubietu u jsib serħan permezz tas-saċerdot li jservi wkoll ta' gwida għalih. Mument sabiħ ieħor hu meta twassal is-Sagrament Imqaddes lill-morda fid-djar tagħhom fejn tqatta' ftit tal-ħin titkellem magħhom u tagħtihom lil Ġesù. Hija esperjenza qawwija wkoll waqt mewt ta' xi ħadd fejn bħala saċerdot turi kompassjoni lejn il-familja li tkun għadha kemm tilfet lil xi ħadd u toffri t-tama vera li jista' jagħti biss Alla.

Imma żgur li l-isbaħ ħaġa, li xi kultant nieħduha *for granted*, hija l-esperjenza ta' kuljum waqt il-quddiesa. F'dawn il-15-il sena qaddist eluf ta' quddies imma, avolja ssir kuljum, tibqa' dejjem esperjenza ġdida għax permezz tiegħi, raġel midneb u dgħajjef, permezz tat-talb tal-Knisja, inġib lil Ġesù preżenti fuq l-artal biex imbagħad jien u dawk preżenti nirċevuh ġewwa fina. Dan hu l-isbaħ u l-ikbar misteru li jien, żgur mingħajr ma jistħoqqli, neżerċita permezz tad-don tal-ordinazzjoni li tatni l-Knisja.



**Kan. Dun Mark Ellul**

Minn tfuliti bħala abbati dejjem ħassejt sejħa persistenti għas-saċerdozju - vuċi ħelwa li baqgħet miegħi anke meta segwejt il-passjoni tiegħi għax-xjenza u t-tagħlim. Fil-bidu, il-ħsieb ta' ħajja mingħajr familja tiegħi kien itaqqalni u biex naħrab dan il-ħsieb immaġinajt futur bħala tabib jew xjenzat. Madankollu, permezz ta' esperjenzi mhux mistennija fil-volontarjat waqt klabb tas-sajf fi ħdan il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, skoprejt ferħ profond fis-servizz lill-oħrajn. Dan wassalni biex nagħżel karriera fit-tagħlim iżda maż-żmien indunajt li l-akbar sodisfazzjon tiegħi kien meta kont naqdi l-Knisja u mhux inkun għalliem.

Bil-gwida tad-diretturi spiritwali tgħallimt li s-sejħa ta' Alla tieħu ż-żmien biex tifhimha u mhix xi ħaġa ta' malajr. Wara li temmejt l-istudji tiegħi u bdejt ngħallem il-bijoloġija, id-dixxerniment tiegħi sar aktar bis-serjetà. Fl-2003 bdejt il-vjaġġ tiegħi fis-Seminarju u fl-2010 ġejt ordnat saċerdot. Il-ministeru tiegħi kien avventura ta' grazzja - 15-il sena fit-tmexxija tas-Seminarju Minuri, afdat bl-edukazzjoni ta' bosta tfal u adolexxenti. Kelli grazzja nara ħajjithom tinbidel minn tfal għal irġiel żgħar. Dan il-ministeru għallimni li t-tmexxija skont il-Qalb ta' Alla teħtieġ relazzjoni profonda miegħU. It-talb, speċjalment fi żminijiet diffiċli, hu l-mutur li jgħinek tibqa' tħares lejn id-dinja mil-lenti tal-Evanġelju. Tgħallimt li l-akbar rebħiet jintrebħu għarkupptejna quddiem is-Sagrament.

Nirrifletti fuq Luqa 5: 1-11, nara kif Alla jbierek it-talenti tagħna u juża l-esperjenzi tal-passat tagħna għall-għanijiet tiegħU. Il-missjoni tiegħi kibret minn għalliem għal saċerdot u mexxej ta' skola u issa għal missjoni aktar miftuħa biex inkun ta' appoġġ u gwida għall-edukaturi fl-iskejjel tal-Knisja bħala Delegat għall-Edukazzjoni Kattolika.

Lil min qed jiddixxerni s-sejħa tiegħu ngħidlu *tibżax*. Il-veru ferħ u paċi jiġu meta tgħid *iva* lil Alla. Is-saċerdozju hu ħajja li tiswa, ħajja ta' skop, servizz u grazzja. Afda li Alla jimxi miegħek f'kull pass tal-vjaġġ tiegħek. Nirringrazzja lil Alla għal kull sekonda f'din il-mixja; li kieku kelli nerġa' nibda mill-ġdid, nibda mingħajr biża'.





IL-FORN TA'
L-GĦAWDXI
NOW
OPEN IN
MARSASKALA
DINE-IN OR TAKE-OUT?
WE'VE GOT YOU COVERED!
QORMI - GŻIRA - B'KARA - BORMLA - MARSASKALA
2144 4202
www.ilforntalghawdxi.com


Ngħożżu
r-relazzjonijiet fil-familja
Servizz ġdid ta' terapista tal-familja bla ħlas
għall-familji kollha offrut fil-Parroċċa
Agħmel kuntatt:
ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa
9:00am-10:30am
5:00pm-6:30pm
NUMRU TA' KUNTATT
2148 6350



eurobridge
30 Years
Your trusted partner to COUNT ON for
all your logistical needs
www.eurobridge.com.mt




DOM Transport Ltd
Moving your life with care... to anywhere!
Leave nothing to chance...
make the right move!
Our wealth of experience
in the removal industry will facilitate
your moving endeavour, be it locally
or overseas.
www.domtransportmalta.com
info@domtransportmalta.com
+356 2148 8953

# Ir-Renju ta' Ċesari u Pietru l-Blata

## *L-elezzjoni tas-suċċessur ta' Pietru: il-Papa Ljun XIV*

F'Mejju, Ruma kienet iċ-ċentru tad-dinja. Diversi *networks* tal-aħbarijiet u aktar minn 4,000 ġurnalist kienu qed ikopru l-Konklavi Papali. Kienu sebat ijiem affaxxinanti, eżawrjenti u eċċitanti li laħqu l-qofol tagħhom, għall-istagħġib ta' kulħadd, bl-elezzjoni ta' Papa mill-Amerika.

Rajna xeni ta' diversi monumenti imma mhux biss dawk tal-Vatikan imma anke tal-Imperu l-Antik, speċjalment meta l-ġisem tal-Papa Franġisku għadda minn ħdejn il-*Fori Imperiali*. F'Ruma, wieħed jista' jara wkoll il-*Largo Argentina* fejn Ġulju Ċesari ġie assassinat fis-sena 44 Q.K. Tista' tmur ukoll iċ-*Circo Massimo* fejn il-logħob u t-tiġrijiet tal-karrijiet kienu jsiru regolarment meta Ruma kienet fl-aqwa influwenza tagħha. Eżatt 'il fuq miċ-*Circo Massimo*, imqiegħed fuq l-Għolja Palatina, hemm il-fdalijiet tal-palazz tal-Imperatur. U eżatt fil-lvant tal-Palatina, mifrux quddiemek, il-*Foro Romano*, li minnu l-Imperu mifrux ta' Ċesari darba kien immexxi.

Tista' tosserva fit-tarf tal-Forum, il-Kolossew il-kbir fejn kienu jsiru l-logħob tal-gladjaturi u li pprovda l-mudell għal, prattikament, kull grawnd fid-dinja tal-Punent. Huwa sempliċiment impossibbli li wieħed jifhem dan kollu u ma jimpressjonax ruħu bil-grandjożità li kien l-Imperu Ruman.

Imma madwar is-sena 60, meta Ruma ddominat il-Mediterran kollu u l-armati tagħha qanqlu t-terrur fil-qlub ta' miljuni, sajjied ta' età medja minn Kafarnahum fil-Galilija jismu Xmun Bar-Jonah għamel triqtu lejn il-Belt il-Kbira. Dan ir-raġel kien jaf lil Ġesù ta' Nazaret, li kien tah il-laqam "Pietru" jew "Blata". U ġie Ruma biex jgħid lid-dinja li ħabibu, li l-gvernatur Ruman kien sallab brutalment, kien qam mill-imwiet.

L-awtoritajiet sabu dan il-messaġġ tant spjaċevoli li madwar is-sena 64 ġabru lil Pietru u ħaduh fiċ-Ċirku ta' Neruni li jinsab barra l-belt fil-punent tax-Xmara Tiber. Hemmhekk sallbuh rasu 'l isfel u meta x-xogħol brutali tagħhom spiċċa, ġibdu ġismu lejn ċimiterju li kien eżatt biswitu fuq l-Għolja tal-Vatikan u difnuh. Kull min ra dik ix-xena tiżvolġi kien ibassar b'kunfidenza li r-raġel fqir kien se jintesa għal dejjem u li l-moviment li kien jappoġġja dalwaqt kien se jiġi eliminat mill-poter Ruman setgħan.

***"Int il-blata li fuqha jien nibni l-knisja tiegħi u s-setgħat tal-infern ma jegħlbuhiex."*** Imma fejn hu l-Imperu Ruman? Imkien, imfarrak fi trab. Fejn hu s-suċċessur ta' Neruni? Ma jeżistix. U xi ngħidu għall-Forum, il-Kolossew, iċ-*Circo Massimo* u l-palazz imperjali fuq l-Għolja Palatina? Kollox f'rovini. Imma fejn hu l-imperu tas-sajjied Galilew midfun fuq l-Għolja tal-Vatikan? Kullimkien fid-dinja, mil-lvant għall-punent, mit-tramuntana għan-nofsinhar. U fejn hu s-suċċessur ta' Pietru? Rajnieh b'għajnejna stess jimxi 'l barra fuq il-loġġa ta' quddiem tal-Bażilika massiva li timmarka l-post tad-dfin ta' Pietru. Ismu hu **Ljun XIV** u hu l-266 suċċessur f'linja mhux imkissra ta' Xmun Bar-Jonah.

Il-ħabib ta' Xmun minn Nazaret, eżatt wara li ta lil Pietru l-laqam distintiv tiegħu, qal *"Int il-blata li fuqha jien nibni l-knisja tiegħi u l-bibien tal-infern ma jegħlbuhiex."*



L-għedewwa ta' Ruma rebħu kontriha ħafna sekli ilu iżda huwa sempliċiment fatt empirikament verifikabbli li l-għedewwa tal-Knisja, minkejja l-isforzi kollha tagħhom, ma rnexxilhomx iwaqqgħuha.

Fil-bidu tal-ħames seklu, Wistin, l-Isqof tal-belt ta' Ippona fl-Afrika ta' Fuq, kiteb trattat imsejjaħ ***Il-Belt ta' Alla***. L-argument ċentrali ta' dak ix-xogħol twil u kumpless huwa li l-ordni Rumana, ibbażata fuq il-vjolenza u x-xewqa li wieħed jiddomina, ma setgħetx iddum għal żmien twil u li l-ordni tas-saltna ta' Kristu, ibbażata fuq il-maħfra, il-kompassjoni u n-non-vjolenza kienet se ddum sal-miġja tal-Mulej. Wistin jistaqsi mistoqsija sempliċi iżda penetranti lill-qarrejja tiegħu: ***"Ta' liema belt se ssiru ċittadini?"*** Liema sultan se ssegwu? Dan l-avveniment li seħħ f'Mejju ġewwa Ruma ġab f'moħħi b'mod tant ċar is-saltna ta' Ċesari u s-saltna ta' Kristu u ġagħlni niffaċċja dawk l-istess mistoqsijiet.

Għażiż Papa Ljun XIV, dixxiplu ta' Santu Wistin, wassalni biex inkun ċittadin tas-sema.

**Ad Multos Annos!**

**Kan. Dun Dillon Bugeja**
***Viċi-Arċipriet***




# TRAVEL WITH KERĊEM A' TOURS

KERĊEM A. TOURS

**PRICE INCLUDES FLIGHTS, LUGGAGE, ACCOMMODATIONS, DAILY BREAKFAST, AIRPORT TRANSFERS, EXCURSIONS, TOUR LEADER, AND INSOLVENCY FUND CERTIFICATE.**




**ALBANIA - THE SOUL OF THE BALKANS**
Discover Albania's natural wonders and historic towns, ending with vibrant Tirana and scenic Lake Shkodra.




**DISCOVER WESTERN ROMANIA: TIMISOARA & BEYOND**
This 7-day journey takes you through the cultural and historical heart of Romania.




**ECHOES OF TYROL**
Embark on an unforgettable 7-day adventure through the heart of the Alps with the Echoes of Tyrol tour.




**TRAVEL TO BONNIE SCOTLAND & THE MILITARY TATTOO**
This captivating seven-day tour of Scotland begins and ends in Edinburgh, featuring breathtaking landscapes, historic landmarks, and vibrant cultural experiences.




**LOURDES A PILGRIMAGE OF FAITH & REFLECTION**
Join us on a transformative five-day pilgrimage to Lourdes, where spirituality and breathtaking landscapes come together.




**SLOVENIAN SERENITY WITH A ZAGREB ESCAPE**
Join us on an unforgettable journey through Slovenia and Croatia, starting with a scenic adventure from Malta to Kranjska Gora.




**POLAND'S RICH PAST & MAJESTIC PEAKS**
Embark on a magical 7-day journey through Poland and Slovakia, where history, culture, and nature converge!




**ENCHANTING SRI LANKA**
Discover Sri Lanka from Sigiriya's ruins to Ella's scenic train. Hike, spot wildlife, relax on beaches, and explore Colombo. A perfect mix of nature, history, and adventure.




**TURKEY**
Explore Türkiye's history, culture, and landscapes in 8 days. Visit Istanbul's landmarks, Cappadocia's rock formations, Konya's Rumi sites, and Pamukkale's white terraces.




**WHISPERS OF THE BLACK FOREST**
Embark on an unforgettable journey through the picturesque landscapes of the Black Forest, vibrant cities, and serene lakes.




**TRULLI AND COASTLINE WONDERS - ALBEROBELLO AND MORE!**
Experience the magic of Southern Italy on this 5-day tour through stunning UNESCO sites, breathtaking coastal towns, and historical landmarks.




**HIGHLIGHTS OF BUDAPEST UNVEILED**
Embark on a magical journey through Budapest and beyond, from historic landmarks to the serene Lake Balaton and Danube Bend.

EXPLORE EUROPEAN RIVERS WITH VIVA CRUISES





ACCOMPANIED BY A LOCAL TOUR LEADER

- VIVA ENJOY - 09-07-25 to 16-07-25 Amsterdam to Amsterdam
- VIVA ONE - 20-07-25 to 27-07-25 Dusseldorf to Dusseldorf
- VIVA TWO - 24-10-25 to 31-10-25 Passau to Passau
- VIVA ENJOY - 16-11-25 to 20-11-25 Vienna to Vienna

Follow Us on Social Media

Triq Wenzu Mintoff, Ta' Kercem Ghawdex, KCM 1301

21564828 / 79547835




Papa Franġisku waqt Quddiesa li ċċelebra fuq il-Fosos tal-Furjana fiż-Żjara Appostolika f’Malta nhar il-Ħadd 3 ta’ April 2022


VISION
OPTICIANS
EYE EXAMINATION
EXTENSIVE RANGE OF EYECARE PRODUCTS
SELECTION OF TOP EYEWEAR BRANDS
EXPERIENCE OUR VISION
68 Triq San Bastjan, Ħal Qormi
227 Triq il-Kbira San Ġużepp, Il-Ħamrun
Fgura | Mellieħa | Paola
Shoreline | Żejtun | Gozo
vision.opticians
visionopticians.mt
2381 1850
visionopticiansmalta.com
info@vision-opticians.com


30
YEARS
ANNIVERSARY
UNMATCHED EXPERIENCE
WE SPECIALISE IN ONLY
THE BEST HIGH END EVENT SETUPS
Visage Sound Limited has been Malta's leader in sound system rentals, stage rentals, line array's, up-lighters, other lighting, cold sparkles and professional wedding entertainment for more than 30 years.
EAW
VOID
L-ACOUSTICS
Pioneer DJ
VISAGE
SOUND LIMITED
99473535
visageltd@gmail.com

# L-Esperjenza tal-Parroċċa f'Ruma

*Ġublew tat-Tama 2025*

**Pellegrinaġġ organizzat mill-Parroċċa**

Fis-sena tal-Ġublew tat-Tama, il-Parroċċa organizzat pellegrinaġġ ta' ħamest ijiem għal Ruma u fl-istess ħin biex nieħdu sehem fil-kanonizzazzjoni tal-Beatu Carlo Acutis imma peress li l-Papa Franġisku miet l-għada tal-Għid, il-programm kellu jinbidel u l-kanonizzazzjoni ta' Carlo Acutis ġiet posposta. Minkejja dan, xorta kellna programm interessanti għax barra li attendejna għall-funeral tal-Papa, żorna xi Bażiliċi u l-għada li wasalna Ruma morna wkoll Assisi fejn żorna l-qabar tal-Beatu Carlo Acutis li qiegħed f'urna tal-ħġieġ. Smajna wkoll quddiesa fl-istess knisja li fiha qaddsu s-saċerdoti li kien hemm magħna u oħrajn Taljani.



Waqt il-funeral tal-Papa Franġisku attendew ħafna nies, b'mod speċjali żgħażagħ minn pajjiżi differenti billi dik il-ġimgħa kien hemm il-Ġublew tal-Adolexxenti. Għalkemm waqt il-quddiesa tal-funeral ma konniex viċin l-artal, stajna nsegwu tajjeb fuq skrins kbar li kien hemm fil-pjazza u t-triq ta' quddiem il-Vatikan. Li tkun preżenti f'okkażjonijiet bħal dawn tħoss l-universalità tal-Knisja.

Fil-jumejn ta' wara żorna l-Bażiliċi ta' San Sebastjan, San Giovanni in Laterano u Santa Maria Maggiore fejn hemm midfun il-Papa Franġisku. Żorna wkoll Scala Santa u s-Santwarju tal-Madonna del Divino Amore.

Fl-aħħar jum morna l-Vatikan fejn għidna r-Rużarju bil-Malti tul Via della Conciliazione wara salib żgħir, għaddejna mill-Porta Santa u tlabna flimkien biex nirbħu l-Indulġenza. Wara kellna quddiesa għall-grupp tagħna biss fil-kappella ta' San Stiefnu tal-Ungerija ġol-Kripta tal-Vatikan.

Il-grupp kien immexxi mill-Arċipriet Dun Ewkarist Zammit u Mons. Dun Paul Carmel Vella.

**Mary Agius**

**Il-Ġublew tal-Adolexxenti**



Bħala żgħażagħ mill-gruppi IMPACT u CONNECT kellna l-grazzja li ngħixu esperjenza li se tibqa' mmarkata f'qalbna. Fl-okkażjoni tal-Ġublew tat-Tama, 12-il żagħżugħ u żagħżugħa Qriema mimlija entużjażmu u fidi ingħaqadna flimkien u rħejnilha lejn Ruma għall-Ġublew tal-Adolexxenti. Flimkien ma' adolexxenti u żgħażagħ oħra minn madwar id-dinja, l-għan prinċipali tagħna kien ċar: li nerġgħu nġeddu fina t-tama bħala individwi, bħala komunità u bħala Knisja ħajja.

Oriġinarjament kien se jkollna l-opportunità li niċċelebraw il-kanonizazzjoni ta' Carlo Acutis, mudell sabiħ ta' fidi żgħażugħa, però ftit qabel tlajna Ruma ħarġet l-aħbar tal-mewt tal-Papa Franġisku. B'hekk, il-pellegrinaġġ tagħna ħa sens ġdid. Fost eluf ta' pellegrini kellna l-unur u l-grazzja li nieħdu sehem fil-funeral ta' wieħed mill-aktar mexxejja spiritwali li għoġbu jservi b'umiltà, qalb miftuħa u fidi ħajja.

Matul dawn il-jiem kellna wkoll diversi laqgħat importanti mal-Maltin li kienu qed jagħmlu dan il-pellegrinaġġ magħna. Fosthom għamilna riflessjonijiet dwar x'inhi t-tama fil-ħajja tagħna u kif nistgħu nsaħħuha biex tkun ispirazzjoni dejjiema. Kien mument speċjali wkoll meta ltqajna mal-Arċisqof Charles Scicluna li qasam magħna kelmtejn sinifikanti dwar il-fidi fil-ħajja ta' kuljum. Kellna wkoll mumenti sbieħ fejn skoprejna Ruma - belt imżewqa b'fidi, storja u kultura.

Dan il-pellegrinaġġ ifakkarna li t-tama hija dawl li tmexxina 'l quddiem u tħalli qalbna miftuħa għall-Kelma ta' Alla li tispirana f'kull pass li nagħmlu.

**Ruth Barbara**

**Il-Ġublew tal-Fratellanzi**



Mis-16 sat-18 ta' Mejju, fil-Vatikan ġie ċċelebrat il-Ġublew tal-Fratellanzi u għalhekk, bħala membri mit-tliet fratellanzi tal-Parroċċa, ħadna sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet flimkien ma' fratellanzi Maltin u internazzjonali.

Iċ-ċelebrazzjonijiet bdew il-Ġimgħa filgħodu fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore fejn wara li għaddejna mill-Porta Santa, żorna l-qabar tal-

Papa Franġisku. Wara, fil-Bażilika ta' San Paulo Fuori le Mura, għaddejna wkoll mill-Porta Santa u rajna l-wasla ta' waħda mill-istatwi tal-fratelli ta' Enna fi Sqallija. Kien imiss li nidħlu mill-Porta Santa tal-Bażilika ta' San Giovanni in Laterano fejn ingħaqdu l-fratelli tad-dinja kollha f'attività ta' merħba.

Is-Sibt, iċ-ċelebrazzjonijiet bdew b'Quddiesa għall-fratelli Maltin immexxija mill-Kardinal Mario Grech fil-knisja ta' Santa Maria Sopra Minerva. Fuq stedina tagħna, ikkonċelebra wkoll l-ex-Kappillan Dun Joe Buhagiar. Wara, f'Circo Massimo ħadna sehem f'purċissjoni mal-fratelli kollha. Kienet ħaġa sabiħa tara l-fratelli magħqudin bl-ilbies differenti tagħhom skont il-pajjiż. Assistejna wkoll għal purċissjoni bi statwi tal-Ġimgħa l-Kbira Spanjoli, minn Enna u statwa ta' Sant' Anna mill-Vatikan. Jakkumpanjaw kien hemm baned Spanjoli. Filgħaxija kellna wkoll l-unur li niltaqgħu mal-Kardinal Filippin Luis Antonio Tagle.

Il-Ħadd kienet ġurnata speċjali billi l-Papa elett Ljun XIV mhux biss qaddes il-Quddiesa tal-Ġublew tal-Fratellanzi imma beda uffiċċjalment il-ministeru tiegħu. Kien ta' unur li f'din iċ-ċelebrazzjoni rrappreżentajna lill-fratellanzi tagħna, lill-Parroċċa u lil pajjiżna. Ma setgħetx tonqos il-bandiera Maltija flimkien mal-bandiera tal-patrun tagħna San Sebastjan. Ma' dawn ma naqsux mumenti sbieħ oħra, fosthom żjara fil-katakombi u l-Bażilika ta' San Sebastjan Martri. Kienet esperjenza sabiħa għalina li nittamaw li tkun ta' ġid spiritwali fil-ħajja ta' kull wieħed minna.

**Alan Camilleri**







## WE OFFER:

FLOWERS
COFFINS
CARS
HEARSE
HOLY PICTURES
GRAVE CLEANING
CHOIR
EMBALMING
CREMATION
SEA BURIAL





7744 2222
victorconti3@gmail.com
Conti's Funeral Services


SG
SOLUTIONS
RETAIL
ENTERPRISE
OFFICE
+356 2144 2123
www.sgsolutions.com.mt
sales@sgsolutions.com.mt
For everything Apple.
iCentre
www.icentre.com.mt | 2256 4410 | sales@icentre.com.mt
Premium
Partner


KARMENU MIFSUD
& HIS DAUGHTER DORITA
FUNERAL SERVICES
Complete funeral services with dignity.
Choose from our fleet of luxurious hearses, including grey and black Mercedes and white and grey Jaguar.
Trust us to honor your loved one with grace.
460, Victory Street, Qormi
2149 4316
9949 2458
doritamifsud@hotmail.com
Karmenu Mifsud Funeral Services

# L-Istatwa tal-Ġebel ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi

## *Minn idejn l-iskultur Francesco Fabri...u Gerolamo?*

Fl-ewwel deċennji tas-seklu dsatax, taħt il-ħakma kolonjali Ingliża, Ħal Qormi esperjenza qawmien ġdid fil-qima ta' San Sebastjan meta f'Mejju 1813, l-abitanti ffaċċjaw l-aktar epidemija bubonika vili fl-istorja tal-belt Pinto. F'medda ta' ħdax-il xahar - bejn Mejju u Marzu 1814 - f'Ħal Qormi, 'il fuq minn 723 abitant, minn popolazzjoni ta' madwar 4,500, ċedew għall-marda. It-telf kien jammonta għal 16% tal-popolazzjoni ta' Ħal Qormi ta' dak iż-żmien; figura allarmanti tassew li tikxef is-sofferenza enormi li għaddiet minnha l-komunità speċjalment meta nqisu li l-imwiet kollha fil-gżejjer Maltin matul din il-pandemija kienu ta' madwar 4,600 ruħ. Din il-ġrajja traġika qanqlet għal darba oħra d-devozzjoni lejn il-qaddis u fl-1816 ittellgħet statwa tal-ġebel, tradizzjonalment skolpita fil-franka Maltija minn Francesco u Gerolamo Fabri mill-Birgu, li tirrappreżenta l-martirju ta' San Sebastjan, bħala ex-voto ta' dan l-avveniment traġiku li ħalla marka fuq it-tessut tal-identità kollettiva tal-Qriema.

Ta' sikwit, meta nkunu telgħin minn Triq San Bastjan direzzjoni lejn Triq San Bartilmew, nilmħu din l-istatwa li tirrappreżenta lill-qaddis protettur tal-mard infettiv. Din ix-xbieha tibqa' tfakkira ħajja tal-wegħdi li saru f'dak iż-żmien ta' biża' u tbatija. Din l-istatwa hija bbażata fuq l-ikonografija tradizzjonali tal-qaddis fejn turi lil San Sebastjan isofri l-ewwel martirju tiegħu: marbut ma' siġra filwaqt li tliet vleġeġ jinfdulu ġismu - xbieha qawwija ta' reżiljenza u fidi li laqtet tassew l-immaġinazzjoni kollettiva tal-poplu ta' Ħal Qormi. Fuq il-pedestall hemm lapida kommemorattiva mżejna bi skrolli u weraq stilizzat imnaqqxin fil-ġebla li ġġib l-iskrizzjoni:



**San Sebastjan**
**- Francesco Fabri (t. 1772) -**
**1816 - Ħal Qormi**

SVA ECCELLENZA R.M.
MONSIGNOR ARCIVESC. E VESC.
FR. D. FERDINANDO MATTEI
PER DECRETO DE 4 OTTOBRE
1816 A DIMENTE RECITANTI
PATER AVE INNANZI QVE
IMMAGINE CONCEDE
INDVLGENZA DI GIORNI 40

IL-QDUSIJA TIEGĦU R.M.
MONSINJUR ARĊISQOF U ISQOF
FR. D. FERDINANDO MATTEI
PERMEZZ TA' DIGRIET TAL-4 TA' OTTUBRU
1816 LIL MIN JIRREĊITA BID-DEVOZZJONI
PATER U AVE QUDDIEM DIN
IX-XBIEHA JAGĦTI
INDULĠENZA TA' 40 ĠURNATA

Dental350

**Opening hours:**
Monday to Friday 08:00 - 12:30 and 14:30 - 18:30
Saturday 09:00 - 12:30

40, Triq il-Knisja Arcipretali, Qormi, Malta, QRM 2191
Tel: +356 9984 6603 and +356 2148 7274



Imma x'nafu tassew dwar din il-kummissjoni? Fil-verità, l-evidenza dokumentattiva marbuta mal-ikkummissjonar ta' dan il-proġett hija tassew skarsa. Is-sorsi li għandna ma jagħtux ħafna dettalji konkreti u għalhekk ħafna minn dak li jingħad jibqa' bbażat fuq suppożizzjonijiet. Bi qbil unanimu huwa miżmum li l-istatwa kienet iffinanzjata minn sforz kollettiv mill-poplu tar-raħal bħala offerta ta' ex-voto biex jissodisfaw waħda mill-wegħdi magħmula fi żmien ta' kriżi.



**San Sebastjan (Lapida Kommemorattiva) - 1816 - Ħal Qormi**

Dwar iż-żewġ skulturi, Francesco u Gerolamo Fabri, ukoll nafu ftit ħafna. Id-dokumenti storiċi dwarhom huma frammentarji u l-produzzjoni artistika tagħhom tibqa' parzjalment magħrufa. Madankollu, studju aktar fil-fond tal-istorja tal-familja Fabri, flimkien ma' esplorazzjoni aktar sistematika tal-kontribuzzjonijiet artistiċi tagħhom, jista' joffrilna tagħrif siewi mhux biss dwar l-oriġini ta' din l-istatwa partikolari iżda wkoll dwar il-kuntest wiesa', kemm dak kulturali kif ukoll dak devozzjonali, li wassal għall-ħolqien tagħha.

Fil-kitba tad-dottorat tagħha *The Berninesque Impact on Regional Late Baroque Sculpture in Malta: The Stone-Carving Tradition*, Christina Cassar Meli toffri ħarsa siewja lejn l-oriġini tal-familja Fabri.[1] Din il-familja ta' artisti mill-Birgu (Vittoriosa), preżenti għal bosta ġenerazzjonijiet, kienet ħabrieka fil-produzzjoni ta' skultura, arkitettura u arti dekorattiva, kemm biex tissodisfa patronaġġ ekkleżjastiku kif ukoll dak sekulari. Għalkemm dan is-suġġett għadu xi ftit jew wisq mogħti l-ġenb, il-frekwenza li biha jissemma l-kunjom Fabri fid-dokumenti tissuġġerixxi li dawn kellhom preżenza importanti u sinifikanti fix-xenarju artistiku Malti tas-seklu tmintax.

Bħall-familja Zahra - l-aktar li jibqgħu mfakkra huma l-iskalpellin Pietro Paolo Zahra (1685-1747) u ibnu l-artist Francesco Zahra (1710-1773) - l-ewwel esponenti tal-familja Fabri kienu ispirati mit-tradizzjoni Berninjana, fuq il-passi tal-iskultur Ruman Gian Lorenzo Bernini (1598-1680). Il-kwalità tax-xogħlijiet tagħhom kienet tvarja. Cassar Meli fil-kitba tagħha tindika li l-membri l-aktar importanti tal-familja Fabri kienu attivi fl-ewwel nofs tas-seklu tmintax. Fit-tmun tal-familja nsibu lil Gerolamo (b), iben Pietro (a), li kien il-kap. Ibnu Antonio (c), kif ukoll Carlo (d), Giuseppe (e) u Francesco (f), kienu kollha involuti bħala skulturi, mastrudaxxi u arkitetti. L-isem ta' Gaetano (h), iben Francesco (g), jidher ukoll fid-dokumenti arkivjati, kif ukoll ulied Antonio: Pietro Paolo (i), Lorenzo (j), Giacomo (k) u Francesco (?) ieħor.[2] Il-familja Fabri baqgħet attiva fit-tieni nofs tas-seklu tmintax u kompliet tipprattika sal-bidu tas-seklu dsatax.

Mill-aspett ġenealoġiku, tajjeb li nżommu f'moħħna l-bosta r-ripetizzjonijiet tal-ismijiet li kienu jipperpetwaw minn ġenerazzjoni għall-oħra f'bosta familji Maltin. Dan sabiex ma nisfawx imqarrqa mill-koinċidenza tal-istess ismijiet fid-dokumenti mfittxija, bħal fil-każ

tal-familja Fabri. Għadd ta' kittieba u studjużi Maltin tas-seklu dsatax jirreferu għall-iskulturi Francesco u Gerolamo Fabri mill-Birgu, attivi bħala skulturi fil-ġebla nostrana (tal-franka Maltija). Ir-repertorju ta' opri attribwiti lil dawn l-iskulturi minn Pietro Paolo Castagna jinkludi l-istatwi ta' Santu Wistin tal-Agostinjani fil-Belt Valletta, San Pietru u San Pawl fiż-Żurrieq, San Ġużepp f'Ħaż-Żabbar u San Sebastjan f'Ħal Qormi. Isegwi, huma wħud mill-aktar ġabriet influwenti li ġew ippublikati fit-tieni nofs tas-seklu dsatax:


910
Francesco Fabri del fu Giov: 32
Giuseppa mog 32
Gaetano fig 8
Salvadore fig 7
Giovanni fig 5
Germano fig 3
Teodoro fig

**Status Animarum Vittoriosa (Birgu) 1804**

> "Il-knisja tal-B. V. ad Nives (tas-Silġ), ta' ġuspatronat, tinsab f'Marsaxlokk, imwaqqfa mis-sur Gio. Francesco Gauci madwar l-1650, u ġiet mibnija mill-ġdid bl-ispejjeż tal-Markiża Angiolina Muscat Cassia Dorell fl-1832, fuq disinn ta' Francesco Fabri minn Vittoriosa. L-istatwa tal-ġebla lokali ta' Santu Wistin (fil-knisja ta' Santu Wistin il-Belt), imqiegħda fil-fond tal-kor, hija xogħol ta' Francesco Fabri minn Vittoriosa."
>
> *"La chiesa della B. V. ad Nives (tas-Silġ), di gius patronato, situata in Marsascirocco, fondata dal sig. Gio. Francesco Gauci verso il 1650, e fu riedificata a spese della marchesa Angiolina Muscat Cassia Dorell nel 1832, sul disegno di Francesco Fabri, della Vittoriosa. La statua in pietra nostrale di santo Agostino, posta in fondo al coro, è lavoro di Francesco Fabri, della Vittoriosa."*
>
> Achille Ferris, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo* (Malta, 1866)

---

> "Frangiscu u Gerolamo Fabri – Mil Birgu
> 1. S. Giusepp ma cantuniera fil Piazza tal Haz-Zabbar.
> 2. S. Pietru u S. Paul: statui fil Cor taz-Zurriek - 1707.
> 3. Santu Wistin fil Convent tal Belt - 1707.
> 4. Il Madonna Tal Virtu f'Wied Sara - 1778.
> 5. San Bastian f'Hal Kormi - 1816."
>
> Pietro Paolo Castagna, *Lis Storia Ta Malta Bil Gzejer Tahha* (C. Busuttil, 1888)

---

> "Fabri Francesco wkoll skolpixxa fil-ġebla lil Santu Wistin tal-Belt Valletta."
>
> *"Fabri Francesco scolpì pure in pietra S. Agostino della Valletta."*
>
> Vincenzo Caruana Gatto, *Saggio Apologetico Di Storia Scient. Letter. e Artistica Di Malta* (Valletta, Malta: Giuseppe Abela Tipografo, 1900).

---

Minkejja t-tradizzjoni orali b'saħħitha fost ir-riċerkaturi u d-dilettanti li ssostni li t-tnejn kienu aħwa, tajjeb nagħtu ħarsa lejn sorsi li jiddokumentaw lil familja Fabri fis-seklu dsatax. Riċerka ppubblikata minn Vince Peresso li saret fir-reġistri tal-iStatus Animarum tal-Parroċċa tal-Birgu, fl-1781, Francesco (g) huwa identifikat bħala l-iben il-kbir tal-mejjet Giovanni (m) u martu Caterina. Għat-tieni darba, Peresso, fl-1804, isib elenkat lil Francesco Fabri (t. 1772) (g) (32 sena), din id-darba miżżewweġ lil ċerta Giuseppa (t. 1772) (32 sena) u li kellhom erba' wlied: Gaetano (t. 1796) (h) (8 snin), Giovanni (t. 1799) (5 snin), Salvatore (t. 1801) (n) (3 snin), Guzmano (t. 1802) (sentejn) u Teodoro (o) (1803) (sena).[3] Peresso jkompli jżid li Teodoro (o) nstab irreġistrat f'xi att notarili bħala mastrudaxxa.[4] Dan kollu qed jiġi kkorraborat għall-ewwel darba f'dan l-artiklu mir-riċerka li wettaq l-awtur preżenti (Spiteri) fejn tikkonferma li fl-1836 Teodoro Fabri (o), bin Francesco (g), ħallas il-kontribut dovut ta' 4 Shillings u 2 Dee (Pence) lill-awtoritajiet Ingliżi għal-liċenzja fuq il-bottega ta' mastrudaxxa (*falegname*) li kellu f'numri 86 u 87 ta' Strada San Lorenzo fil-Birgu. Permezz ta' din l-informazzjoni issa għandna wkoll ħjiel minn fejn Teodoro (o) kien qed jopera u hawnhekk l-awtur preżenti jazzarda wkoll jispekula l-possibilità li din kienet l-istess bottega li kienet użata minn missieru Francesco (g) bħala skultur Ġirbi. Imma din għalissa tibqa' biss ipoteżi.

S'issa f'dawn ir-reġistri ma nstab l-ebda ħjiel ta' Gerolamo. Dan huwa msaħħaħ mill-kitbiet miġjuba hawn fuq fejn l-awturi Achille Ferris u Vincenzo Caruana Gatto jsemmu biss lil Francesco Fabri. Huwa biss Castagna li jaċċenna għaż-żewġ skulturi flimkien iżda ma jagħmel l-ebda referenza jekk kinux aħwa jew le.

Fid-dawl ta' riċerka ġdida mwettqa mill-awtur ta' dan l-artiklu u ppreżentata hawnhekk sabiex jiġi approfondit l-għarfien dwar il-qagħda artistika ta' Malta tul is-seklu dsatax u l-protagonisti artisti ta' dan il-perjodu, il-figura ta' Francesco Fabri (g) terġa' titla' fil-wiċċ f'dokumenti ta' natura politiko-nazzjonali. Ikun propju fl-1836 meta Francesco (g) jniżżel ismu flimkien mat-tislima ta' *scoltore* (skultur) bħala firmatarju fil-Corpo di Belle Arti mmexxi mill-artist, arkitett u inġinier Giorgio Pullicino (1779-1851), fl-assenza tal-arkitett Żejtuni Michele Cachia (1760-1839) u l-artist Pietro Paolo Caruana (1793-1852). Il-Corpo di Belli Arti kellu sehem importanti fit-tnedija tal-Comitato Generale Maltese mwaqqaf minn Camillo Sciberras (1772-1855) u Giorgio Mitrovich (1795-1885).

Il-Comitato Generale Maltese kien l-ewwel sforz fattibbli sabiex tinħoloq pressjoni politika fuq il-Gvernatur Ingliż, il-Logutenent Ġenerali Sir Henry Frederick Bouverie (1783-1852), sa mill-wasla tal-ħakma Ingliża f'Malta. Wara li fl-1814 Malta għaddiet mill-istat ta' Protettorat għal Kolonja tal-Imperu Brittaniku - issa li qamar il-għasel kien spiċċa - l-attivisti politiċi Maltin indunaw li l-Imperu, fir-rigward ta' Malta, adotta politika militanti b'interessi politiċi, militari u finanzjarji li jakkomodaw biss l-interessi tal-kuruna Ingliża. Kien minħabba f'hekk li tħeġġet ix-xrara lejn il-waqfien tal-Comitato Generale Maltese fejn naraw l-ewwel sforzi lejn twaħħid nazzjonali li permezz ta' petizzjonijiet u diskussjonijiet, kemm f'Malta kif ukoll fil-Parlament Ingliż, Malta bdiet il-mixja lejn ir-rikonoxximent ta' Kunsill tal-Gvern (1849) u possibbilment il-bidu tal-mixja kostituzzjonali li tat il-frott aktar tard fis-seklu għoxrin.




ground floor for DETERGENTS / TOILETRIES
first floor for FOOD Section / BABY Section / HOME Section

**FREE DELIVERY OVER EURO100**

**TA' GANZA CASH & CARRY - QORMI**
**MDINA ROAD**
**T. 2146 5773**







Tabella Ġenealoġika tal-familja Fabri

L-għajta ta' Sciberras u Mitrovich ma waqgħetx biss fuq il-kumitati mwaqqfa minn għadd ta' nobbli, professjonisti u nies tal-kummerċ iżda mxiet ukoll fl-irħula Maltin u l-gżira Għawdxija. Kien hemm sforz kollettiv sabiex kull kumitat, raħal u l-gżira Għawdxija jeleġġu rappreżentant jew tnejn biex iservu ta' ambaxxaturi fil-Comitato Generale Maltese. Qabel il-wasla tal-Kummissjonarji Rjali magħmula minn George Cornewall Lewis (1806-1863), aktar tard membru fil-kabinett Brittaniku u John Austin (1790-1859), akkademiku rispettat fil-qasam legali u awtorità fil-liġi Rumana, il-Comitato Generale Maltese kien iffurmat minn 100 rappreżentant magħżul minn 11,712 -il ċittadin eliġibbli għall-vot. U għal darba oħra l-isem ta' Francesco Fabri (g) jidher fl-elenku tal-votazzjonijiet li seħħew fil-Birgu fl-1836 fejn jiffirma ismu akkumpanjat mis-suffiss ta' *scoltore* (skultur). Mhux biss! Fil-lista twila ta' firem elenkati fuq il-belt Vittoriosa, tliet linji aktar 'l isfel minn dik ta' Francesco (g), tidher ukoll il-firma ta' Gaetano Fabri (h) - bin l-istess skultur - bit-titlu ta' *sartore* (ħajjat). Aktar 'l isfel f'din il-lista jidhru wkoll il-firem ta' ħutu Salvatore (n), bit-titlu ta' *calzolaio* (skarpan), u dik ta' Teodoro (o), li diġà ltqajna miegħu aktar 'il fuq, bit-titlu ta' *falegname* (mastrudaxxa).[5] Minn din ir-riċerka joħroġ ċar li t-tfal ta' Francesco (g) ma komplewx fuq il-passi ta' missierhom fl-arti tal-ġebla Maltija. Minkejja dan, l-isem ta' Gerolamo jerġa' ma jitfaċċax!



**Strada San Lorenzo, Vittoriosa - c. 1930**
*(Ħajr lil Frank Lea Ellul u Vittoriosa Historical and Cultural Society)*

U allura sabiex tittaffa din l-inċertezza, l-awtur ta' dan l-artiklu rrikorra għall-għajnuna tal-ġenealoġista Clive Sammut li, bl-akbar reqqa u studju, ippreżentalu l-arblu tar-razza tal-familja Fabri maħdum fuq iż-żwiġijiet irreġistrati fl-arkivji parrokkjali jew dawk notarili. Għaldaqstant l-awtur preżenti jħeġġeġ lill-qarrejja sabiex jagħmlu użu mit-tabella ġeneaoloġika mehmuża ma' dan l-artiklu sabiex isegwu grafikament ir-raġunament storiku-familjari tal-famija Fabri.

Is-siġra tal-familja Fabri toħodna lura għall-aħħar tas-seklu sbatax fejn fl-4 ta' Frar 1680 fil-Parroċċa tal-Birgu, Maestro Girolamo Fabri (b), iben Pietro (a) u Lorenza, iżżewweġ lil Giovanna Gilbert. Din l-unjoni wasslet għal frott ta' erba' ulied: Antonio (c), Carlo (d), Giuseppe (e) u Francesco (f). Tajjeb li wieħed jinnota li fid-dokumenti moqrija, Francesco (f) huwa wkoll msejjaħ bħal missieru bit-titlu ta' Maestro.[6]

Jekk nieħdu pass lura, Meli, fir-riċerka tagħha, ittenni li Antonio Fabri (c), skond kif jissemmew fl-atti notarili, kellu erba' ulied - Lorenzo (j), Pietro Paolo (i), Giacomo (k) u Francesco (?) - li kienu qed jgħinu lil missierhom fuq il-lant tax-xogħol. Sammut jirreġistra l-għaqda ta' Antonio (c) ma' Rosolea Triana permezz ta' żwieġ li seħħ fl-1707. Huwa wkoll

jindika li l-ulied rispettivi - Ignazio (l) (1742), Lorenzo (j) (1740), Pietro Paolo (i) (1740) u Giacomo (k) (1742) - iżżewġu rispettivament iżda ma nstab l-ebda żwieġ irreġistrat għal Francesco (?). Huwa faċli li f'sitwazzjonijiet simili r-riċerkaturi jinqabdu ġo għoqda ġenealoġika ta' ismijiet u li din is-sitwazzjoni tqanqal diversi mistoqsijiet. Infatti, ma jistax jiġi evitat li jitnissel dubju jekk dan Francesco (?), bin Antonio (c), eżistiex jew le jew inkella l-probabbiltà li l-Francesco (?) msemmi ripetutament fid-dokumenti kkwotati minn Meli ma huwa ħadd ħlief il-Maestro Francesco Fabri (f), ħu Antonio (c). Tajjeb ukoll li wieħed jiċċara li Gaetano (h) ma jirriżultax bħala bin il-Maestro Francesco (f) iżda iben neputih Francesco (g), kif se nispjega aktar 'l isfel (ara t-tabella ġenealoġika). Mill-banda l-oħra Ignazio (l) jidher li ma kienx involut fl-intrapriża ta' missieru Antonio (c).

In-nisġa tissokta. Mit-tieni żwieġ ta' Maestro Francesco Fabri (f) fl-1719 ma' Maria Bonnici, twieled Giovanni (m). Giovanni (m) jiżżewweġ lil Caterina Formosa ġewwa ż-Żurrieq f'Jannar 1771. Minn din ir-rabta jitwieled Francesco Fabri (g), li jiġi n-neputi tal-Maestro Francesco (f), fejn jidher li kompla fuq il-passi ta' nannuh fl-arti tal-immudellar tal-ġebla nostrana u li aktar tard jirreġistra ismu fil-Corpo delle Belle Arti tal-1836 bħala *scultore* filwaqt li jerġa' jivvota fl-elezzjonijiet tal-Comitato Generale Maltese li seħħew il-Birgu bl-istess titlu wara ismu. Francesco (g), dan tal-aħħar, fl-1794 iżżewweġ lil Giuseppa, bint in-nutar Salvatore Cordina, ġewwa l-Parroċċa ta' San Duminku, il-Belt Valletta. Minn din l-unjoni twieldu Gaetano (h), Giovanni, Salvatore (n), Guzmano u Teodoro (o), kif diġà nnutajna fir-reġistri tal-iStatus Animarum ħajr għal Vince Peresso. Aktar tard ikunu ż-żwiġijiet ta' Gaetano (h) (1824), Teodoro (o) (1828) u Salvatore (n) (1829) biss li jiġu rreġistrati rispettivament fil-Parroċċa tal-Birgu.

Biex nerġgħu lura għall-mistoqsija prinċipali ta' dan l-artiklu rigward l-għarfien dwar u l-involviment ta' Gerolamo, ta' min niftaħ parentesi żgħira fuq Giuseppe Fabri (e), ħu Maestro Francesco (f). Lil Giuseppe x-xorti tal-familja ma' tantx daħkitlu. Infatti r-riċerka turina li f'medda ta' 24 sena żżewweġ tliet darbiet. Mit-tielet żwieġ ma' Agata Gadinco (1743) jidher li kellu żewġ subien bl-isem ta' Gerolamo Agostino (p) (iżżewweġ fl-1785) u Gaetano (q) (iżżewweġ fl-1778). F'dan il-punt ta' min jinnota li wara żewġ ġenerazzjonijiet jerġa' jitfaċċa l-isem Gerolamo Agostino (p) li huwa bejn wieħed u ieħor tal-istess ġenerazzjoni ta' Francesco Fabri (g), bin Giovanni (m). Huwa dan il-Gerolamo (p) li t-tradizzjoni orali qawwija żżomm bħala t-tieni skultur li wassal sabiex l-istatwa ta' San Sebastjan titlesta u titella' f'post prominenti ġewwa Ħal Qormi?


SCULTURI

**Lis Storia Ta Malta Bil Gzejer Tahha (Paġna 202) - Pietro Paolo Castagna - 1888**

Li hu żgur hu li Gerolamo (p) u Francesco (g) ma kinux aħwa. Il-leġġenda tal-'aħwa' Fabri li baqgħet ipperpetwata fil-memorja kollettiva tal-Qriema ma

hi xejn ħlief misinformazzjoni (nofs verità) mnissla mill-influwenza li esprima l-ktieb *Lis Storia Ta Malta Bil Gzejer Tahha* (C. Busuttil, 1888) ta' Pietro Paolo Castagna fuq l-għarfien kollettiv tagħna lkoll.[7] Castagna jippubblika l-għarfien tiegħu fi tliet volumi bejn l-1888 u l-1890 fi żmien meta l-branka tal-istorja tal-arti f'Malta kienet fl-eżordji bikrin tagħha u bosta studji u pubblikazzjonijiet li nħarġu matul is-seklu dsatax kienu nieqsa minn għarfien storjografiku u ftit li xejn kienu bbażati fuq riċerka xjentifika iżda pjuttost fuq għajdut trażmess minn ġenerazzjoni għal oħra. Mil-lista ta' xogħlijiet li Castagna attribwixxa lil Francesco (g) u Gerolamo (p) Fabri jidher ċar li ma ssegwix loġika kronoloġika fejn huwa propost li l-idejn tal-istess skulturi qed jipproduċu xogħlijiet fuq medda ta' aktar minn 109 snin. Il-probabbilità hija li Castagna ħawwad il-Francescijiet (f) u (g) li jappartjenu għal ġenerazzjonijiet differenti tal-familja Fabri.



**Elezzjonijiet - Comitato Generale Maltese, Vittoriosa - Francesco Fabri, Gaetano Fabri, Salvatore Fabri u Teodore Fabri - 1836**
*(Ħajr lill-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, Rabat)*

Francesco Fabri (g) li Castagna attribwixxa lilu l-istatwa ta' San Sebastjan ġewwa Ħal Qormi huwa dixxendent ta' dawk l-istess Maestro Francesco (f) u Maestro Girolamo (b) li flimkien ma' Pietro Paolo Zahra u ibnu Francesco Zahra ddominaw l-ornament skulturali Berninjan lejn l-aħħar tas-seklu sbatax u s-seklu tmintax. Ir-rabta familjari bejn Gerolamo Agostino Fabri (p), bin Giuseppe (e), u dik ta' Francesco Fabri (g), bin Giovanni (m), hija f'terminoloġija teknika tal-ġenealoġija "first cousins once removed", li bil-Malti nistgħu ngħidu li tfisser 'it-tifel tal-kuġin'. Jista' jagħti l-każ li Gerolamo Agostino (p) kien għen lit-tifel ta' kuġinuh Francesco (g) f'dan l-appalt u ismu baqa' jidwi. Li hu żgur hu li Gerolamo Agostino (p) ma kienx magħdud bħala skultur ta' kwalitajiet artistiċi li jiġi msejjaħ sabiex jifforma parti mill-Corpo delle Belle Arti Malti (1836) bħalma kien Francesco (g).

Ir-riżultat tal-kwalitajiet u l-legat tal-familja Fabri li Francesco (g) ġarr miegħu baqgħu sew preżenti fis-seklu dsatax. Iżda din hija storja oħra! Nittama li dan l-artiklu jixpruna aktar riċerka sabiex l-għarfien fuq il-familja Fabri, b'rabta ma' Ħal Qormi, jissokta. Il-ħidma tkompli!

## Noti

[1] Christina Cassar Meli, 'The Berninesque Impact on Regional Late Baroque Sculpture in Malta: The Stone-Carving Tradition' (Doctoral Dissertation, University of Malta, 2022).

[2] L-ittri (a) sa (q) li jsegwu wara l-ismijiet tal-membri tal-familja Fabri huma referenza għat-tabella ġenealoġika li takkumpanja lil dan l-istudju sabiex tgħinna nifhmu aktar min kienu l-ġenerazzjonijiet differenti li nisslu lil din il-familja ta' skalpellini. Din it-tabella nbniet permezz tad-dedikazzjoni u l-istudju mirqum tal-ġenealoġista Clive Sammut li sforz ir-riċerka li wettaq fir-reġistri taż-żwiġijiet fil-Parroċċi konċernati u oħrajn notarili stajna nikkumpilaw din is-siġra familjari u nwaddbu dawl ġdid fuq il-membri ta' din il-familja li għal bosta deċennji ġiet minsija. Fir-rigward ta' Francesco, imsemmi minn Christina Cassar Meli fl-istudju tagħha bħala bin Antonio Fabri, isegwih hemm is-simbolu (?) peress li dan ma ġiex identifikat fid-dokumenti kkonsultati.

[3] Fil-każ ta' Giovanni u Guzmano, it-tnejn ulied Francesco u Giuseppa, l-ebda atti taż-żwieġ f'isimhom ma ġew irreġistrati. Wieħed jista' jissopponi li dawn l-aħwa baqgħu qatt ma żżewġu jew inkella ipoteżi oħra tista' tkun li dawn mietu ta' età żgħira - fattur komuni fis-soċjetà Maltija tas-seklu dsatax fejn ir-rata tal-mortalità kienet waħda għolja.

[4] Ħajr lil Vince Peresso ta' din l-informazzjoni fuq Francesco Fabri li ġiet ippubblikata fil-31 ta' Mejju 2015 fuq il-portal diġitali TimesofMalta.com.

[5] Il-firem ta' Giovanni u Guzmano jerġgħu ma jitfaċċawx u allura dan iwassal aktar għall-eventwalità li dawn mietu ta' età żgħira.

[6] Christina Cassar Meli, 'The Berninesque Impact on Regional Late Baroque Sculpture in Malta: The Stone-Carving Tradition' (Doctoral Dissertation, University of Malta, 2022), 90; vide NAV, Notary Gio Andrea Abela, R2, Volume 4, 1734-1735, ff. 296-297v. Francesco Fabri (f) kien wieħed mill-aktar skalpellini attivi tal-familja Fabri. Ismu jissemma diversi drabi fil-volumi fl-Arkivji Notarili. Mark Cauchi, *L-Istorja tal-Knisja ta' Santu Wistin il-Belt, Valletta* (Malta: Provinċja Agostinjana, 1997), 144. Wieħed mix-xogħlijiet imsemmija ta' Maestro Francesco (f) hija l-istatwa imponenti ta' Santu Wistin fil-kor tal-knisja Agostinjana fil-Belt li riċerka fl-arkivji tal-istess Ordni tindika b'ċertezza li din l-istatwa nħadmet qabel l-1733. (Ħajr lil Fr Leslie Gatt O.S.A., Pirjol Provinċjali tal-Provinċja Agostinjana Maltija, li ġentilment għaddieli din l-informazzjoni). Pietro Paolo Castagna, *Lis Storia Ta Malta Bil Gzejer Tahha* (C. Busuttil, 1888), 202. Castagna jindika l-1707 bħala d-data tat-tqegħid tal-istatwa fil-post mingħajr ma jagħti l-ebda referenza għas-sors tal-informazzjoni.

[7] Castagna, *Lis Storia Ta Malta Bil Gzejer Tahha*, 202.

**Hilary Spiteri**
***Storiku tal-Arti, Storjografu u Edukatur***

Tecnoplus LIMITED
AUTO AIRCONDITIONING
INSTALLATION • SERVICING • REPAIRS • PARTS
Mdina Road | Qormi | QRM 9011
2146 8402
2746 8402
9946 8402
9949 8371
info@tecnoplusmalta.com
www.tecnoplusmalta.com

Meta tasal il-festa ta' **San Bastjan**:

Bqajt tiftakar kif bdiet id-devozzjoni f'**Ħal Qormi** lejn dan il-qaddis martri, wieħed mill-protetturi kontra mard jittieħed?

Ftit tas-snin ilu erġajna esperjenzajna waħda mill-agħar **epidemiji** fl-istorja tal-umanità meta, magħqudin, batejna u tlabna flimkien.

Biex ma tinsiex is-siwi tal-għaqda, qis li jkollok kopja ta' ktieb bi stejjer ambjentati matul din l-esperjenza, ippubblikat minn

KLABB KOTBA MALTIN



easygas

# Ngħożżu r-Relazzjonijiet fil-Familja

*Servizz ta' terapija tal-familja fil-komunità*

Il-Parroċċa nediet servizz ġdid u bla ħlas ta' terapija tal-familja għall-koppji u familji. Il-Parroċċa spiss tosserva diversi problemi u sitwazzjonijiet diffiċli li jiltaqgħu magħhom il-koppji u l-familji fil-komunità tagħna u għalhekk ikun hemm ċirkostanzi fejn l-għajnuna professjonali hija bżonnjuża. Il-problemi fil-ħajja tal-familja dejjem kienu hemm però fil-ħajja mgħaġġla tal-lum, mimlija impenji u stress, saret sfida akbar għal ħafna familji biex isibu dik l-armonija u kuntentizza fil-ħajja ta' kuljum. Xi drabi dawn l-isfidi jgħarrqu u jdgħajfu r-relazzjonijiet fil-familji, itellfu minn komunikazzjoni b'saħħitha bejn il-koppja u bejn il-ġenituri u t-tfal u jistgħu saħansitra jkissru l-ħajja flimkien u l-ħajja miżżewġa. Wieħed ma għandux jasal sa hemm, ma għandux jistenna li jasal fix-xifer biex jitlob l-għajnuna. Għajnuna bikrija tagħmel aktar ġid. Li nersqu għall-għajnuna m'huwiex sinjal ta' dgħufija iżda att għaqli u ta' min jammirah.

Mhux bilfors irridu nkunu għaddejjin minn kriżi biex nitolbu l-għajnuna. It-terapija tal-familja hu servizz fejn it-terapista tgħin lil koppji u familji jtejbu l-mod ta' kif il-familja tiffunzjona ta' kuljum u r-relazzjonijiet ta' bejniethom. Huwa spazju sikur u privat fejn il-membri tal-familja jħossuhom komdi jiftħu qalbhom u jesprimu ruħhom fuq il-problema jew is-sitwazzjoni li jkunu għaddejjin minnha. It-terapista tgħin lill-membri jifhmu s-sitwazzjoni minn perspettiva differenti, tgħinhom jikkomunikaw aħjar u jagħrfu dawk il-mudelli ta' mġiba li huma tossiċi għar-relazzjoni tagħhom u jibdluhom f'mudelli li jsaħħu r-relazzjonijiet.

Is-servizz tat-terapija tal-familja fil-Parroċċa tagħna qed jiġi pprovdut minn terapista professjonali li tkun qiegħda sservi fiċ-Ċentru Parrokkjali nhar ta' Erbgħa bejn l-4:00pm u s-6:00pm. Min għandu bżonn l-għajnuna jista' jċempel fuq 2148 6350 u jingħata appuntament.



# Valuing Family Relationships

*Community-based family therapy services*

Our Parish has introduced a new free family therapy service for couples and families. The Parish is aware of the challenges and difficulties that couples and families in our community face, and it acknowledges that, frequently, professional help is needed. Family challenges and problems have been with us since the beginning of time; however, today's fast-paced life and rapid social change present families with more complex situations and challenges that can hinder family members from living a harmonious and tranquil life. Sometimes these situations and problems damage family relationships, leading to communication breakdown between the couple and between parents and children. If left untreated, this can eventually lead to family dissolution. However, one doesn't need to go through a crisis, things need not be so bad to seek help. The earlier one resorts to professional help, the better. Seeking help is not a sign of weakness but a sign of strength.

Family therapy provides couples and family members a safe and private space where they can reflect and explore their family situation without being judged. The therapist helps them understand each other's perspectives and identify unhealthy patterns in their daily interactions and replace them with a more functional model. Family therapy empowers families to grow together, build resilience and create a more positive home environment. Whether facing a specific crisis or seeking to improve daily functioning, families find family therapy a transformative and unifying experience.

The family therapy service in our Parish is being provided by a professional therapist who will be at the Parish Centre on Wednesday afternoons between 4:00pm and 6:00pm. Anyone wishing to make use of this service can call 2148 6350, and an appointment will be given.


Wishing Well
R&S MARKETING
best kept secrets
P&G CARDS LTD
R&S MARKETING
Tower Street, Mosta
E: robertfalzon.rands@gmail.com
T:21420664
Leading importers of Greeting Cards, Gifts, wrapping and Candles.
Me to You
Skylab DIGITAL IMAGING
curious UNIVERSE

**Mdina Road**
**Qormi**
**QRM9011**
**Tel: +356 21 466668 21 466669**
**email: bmsltdmalta@gmail.com**

BMS
bms
Building Materials Supplies Ltd.

# clever Pure

Ultrafiltration water treatment unit

Enjoy great tasting, crystal clear drinking water, with all the beneficial minerals.



- No electricity!
- No wastage!
- No plastic!
- Free delivery
- Free installation*

*Terms and conditions may apply

NOW
~~€213.00~~
€128.00
When you apply for Government grant

No electricity is required

No plastic bottles

No water is wasted

Filters are easy to change

Compact shape

Retains minerals

LED display

Leak-proof system



| PP | C1 | C2 | UF |
|---|---|---|---|
| Polypropylene Filters particles, sediment, rust and sand | Pre-Carbon Reduces chlorine and absorbs small particles 1 µm | Post-Carbon Eliminates odours and bad taste from water | Ultrafiltration Filters out organisms and bacteria 0.02 – 0.1 µm |
| Lasts: 12 months | Lasts: 12 months | Lasts: 12 months | Lasts: 24 months |



Il-Festa t-Tajba…
FONDAZZJONI
Familji fil-bżonn
Fondazzjoni imexxija min grupp ta' voluntiera fejn l-għan ewlieni huwa li jgħinu lil dawk il-familji kif ukoll individwi li għal xi raġuni ma' jkunux jistgħu jlaħqu mall-ħajja ta' kuljum.
12 Triq Santa Monika, Paola PLA 1220 MALTA
Mobile: 9944 5227
E-mail: info@familjifilbzonn.org
Like us on Facebook
familjifilbzonn


TAL-LARINGU
Venue
CALL US ON 79311291
Imdina Road | Żebbuġ

# All Are Welcome

*Building a parish where everyone feels at home*

Like many others worldwide, our parish is becoming a reflection of the beautiful variety of the human family.

In today's world, openness towards other cultures has become part and parcel of our everyday life, and we are called to welcome all with the same love with which Jesus has welcomed us. Saint Paul tells us: "Welcome one another, as Christ welcomed you, for the glory of God." (Romans 15, 7)

These words should inspire us to build a Christian community where everyone, irrespective of one's origin and language, is welcome, respected and feels at home.

In the book of Leviticus, in the Old Testament, we read: "You shall treat the foreigners who reside with you as the natives born among you. Love them as yourself; for you too were once foreigners in the land of Egypt. I am the LORD, your God."

During his Pontificate, in his teachings, Pope Francis goes back to these biblical words which, even if written a long time ago, remain valid and relevant even in our days because they are God's word. Pope Francis tells us that we should not just welcome the 'foreigners' who live with us, but should also consider them as our brothers and sisters. True love starts when we remove all prejudices and fears. Moreover, we should look at them as an image of God. In the foreigners who knock at our door, we should see Jesus Christ who visits us. Being a good and merciful father, God does not distinguish between one person and another because we are all his sons and daughters.

Pope Francis used to call the phenomenon of migration one of the signs of God in our times. Our parish does its best to open up to the wind of the Holy Spirit (John 3, 4) who comes to us in the foreigners who come here seeking a new life and welcomes them and integrates them within our community.

The parish is an open community welcoming everybody, coming from different countries and cultures. This diversity enriches the community and is a means to unite us all. The parish should integrate these foreigners by involving them in the life of the parish.

Recently, our parish has welcomed five foreign families (4 Pakistani and a Filipino) and helped them to integrate within our parish family. Among other initiatives, their children were prepared to receive the sacraments of Confession and Holy Communion.

Also, in this regard, a mass in English is planned to be celebrated on Wednesday 9 July 2025 at 7:30 pm. All are welcome for this celebration, but especially invited are foreign families living in our parish.

Let us thank God for this opportunity, for the gift of fraternity of these brothers and sisters of ours. "How good it is, how pleasant, when people dwell as one!" (Psalm 133)

***N.B.*** *On page 15 you can find the main highlights of the feast programme in English.*

**Grace Mercieca**

TUM®
INVEST

# Fejn Hemm il-Fqar, Hemm Ġesù!

## *Intervista mal-missjunarju Qormi Carmel Duca*

*Ftit tax-xhur ilu kien hawn fostna Carmel Duca, żgħażagħ minn Ħal Qormi li llum jifforma parti mill-Kongregazzjoni tal-Brothers Missjunarji tal-Karità. F'din l-interivsta qasam magħna l-esperjenza tiegħu fil-missjoni.*

**Għidilna ftit dwarek...**




Twelidt Ħal Qormi fl-1965 u għalkemm dejjem attendejt fil-Parroċċa ta' San Sebastjan għas-sagramenti, ma tantx kont inqatta' ħin fil-Parroċċa minħabba li skola dejjem attendejt barra minn Ħal Qormi primarja għand is-sorijiet Agostinjani ta' Birkirkara, sekondarja Santu Wistin f'Tal-Pietà u wara Sixth Form u l-Università. Niftakar li meta kelli xi disa' snin kien jiġi grupp ta' żgħażagħ tal-Moviment Missjunarju jiġbru xi affarijiet biex ibigħuhom f'xi bażar, u niftakarni ngħid "Meta nikber irrid nagħmel bħalhom".

Fl-1981, ingħaqadt mal-Grupp għat-Tielet Dinja u għal disa' snin kont attiv ħafna fil-volontarjat kemm f'lokalitajiet Maltin kif ukoll f'pajjiżi barra minn Malta, speċjalment in-naħa ta' isfel tal-Italja u l-Indja. Kien f'dan iż-żmien li ltqajt mas-sorijiet ta' Madre Tereża u mill-ewwel inġbidt wara s-sempliċità ta' ħajjithom u x-xogħol dirett mal-ifqar fost il-fqar. Bdejt insaqsi jekk kienx hemm kongregazzjoni tal-irġiel u fl-1987 mort għamilt esperjenza mal-Brothers ġewwa Manchester, l-Ingilterra. Ingħaqadt mal-Kongregazzjoni tal-Brothers Missjunarji tal-Karità fl-1990.

**X'jinvolvi x-xogħol tiegħek bħala Missjunarju tal-Karità?**

Ix-xogħol ta' kull Missjunarju tal-Karità huwa xogħol sempliċi u dirett mal-ifqar fost il-fqar tal-pajjiż fejn inkunu qed ngħixu. Per eżempju, fl-Indja għandna djar għall-pazjenti bil-lebbra, AIDS u tuberkolożi u djar għal nies li waslu fl-aħħar ta' ħajjithom u li niġbru mit-triq. Fl-Afrika għandna ħafna skejjel informali għal tfal fqar li minħabba li m'għandhomx flus ma jistgħux jattendu skejjel formali. Fil-Perù u l-Messiku għandna djar għal żgħażagħ b'diżabiltà mentali u fiżika li m'għandhomx familja. Fir-Rumanija, Manchester u Pariġi naħdmu man-nies tat-triq. Bħalma għidt, l-appostolat ivarja skont il-bżonn tal-pajjiż.

**Bħalissa f'liema pajjiż qed taqdi dmirek?**

Għal dawn l-aħħar 35 sena għixt u ħdimt f'ħafna pajjżi, inkluż il-Perù, il-Gwatemala, il-Kolombja, l-Indja u Los Angeles. Din hija t-tieni darba li qed ngħix Los Angeles. Għal

għaxar snin kont kappillan f'wieħed mill-ikbar ħabsijiet ta' Los Angeles fejn kont niltaqa' ma' ħafna żgħażagħ li kienu qed jaffaċċjaw il-piena tal-mewt. Din id-darba qed naħdem f'organizzazzjoni tal-Arċidjoċesi ta' Los Angeles fejn nippreparaw lill-ħabsin li għandhom iċ-ċans biex wara xi tletin sena jerġgħu lura fis-soċjetà.



**X'tinvolvi l-ispiritwalità li tħaddan bħala Brother?**

Fil-qalba tal-karizma ta' kull Missjunarju tal-Karità hemm ir-rigal li naraw, inħobbu u nservu lil Ġesù fl-ifqar fost il-fqar. Nemmnu li dak kollu li nagħmlu ma' kull persuna fqira qed nagħmluha ma' Ġesù. Il-fatt li aħna Brothers u mhux qassisin u l-fatt li m'għandniex xi libsa partikulari tgħinna biex aktar nidentifikaw ruħna mal-fqar li nservu.

**Naf li għadek kemm ippubblikajt ktieb li anke ġie ppreżentat lil Papa Franġisku. X'ispirak biex tikteb dan il-ktieb?**

Il-ktieb 'Redeemed by Beauty' jirrakkonta l-biografija ta' Brother Andrew li ma' Madre Tereża waqqaf il-Kongregazzjoni tal-Brothers Missjunarji tal-Karità. Fil-fatt kien il-Kapitlu Ġenerali tal-Kongregazzjoni fl-2016 li tani l-inkarigu biex nagħmel ir-riċerka u nikteb dan il-ktieb. Brother Andrew, Ġiżwita Awstraljan kien jgħix l-Indja u kellu x-xewqa li jmur jgħix fi *slum* mal-fqar ta' New Delhi, l-Indja. Wara li ltaqa' ma' Madre Tereża, din staqsietu biex jieħu d-direzzjoni u l-formazzjoni ta' grupp żgħir ta' ġuvintur li kienet għaqqdet hi fl-1963. Minn hemm twieldet il-Kongregazzjoni tagħna. Illum il-ġurnata qiegħdin mal-400 Brother.



**X'messaġġ għandek għalina llum?**

Qatt tinsew lill-fqar! Hawn ħafna fqar madwarna! Hawn ħafna faqar madwarna! Forsi m'huwiex il-faqar li naraw f'pajjiż tat-tielet dinja. Huwa faqar aktar sottili u forsi ftit li xejn jidher. Hawn ħafna nies li qed ibatu fis-skiet u ħafna drabi ma nagħtux kasħom jew lanqas biss nindunaw bihom.

Jien niġi Malta kull ħames snin u kull darba ninduna kemm il-Maltin li tant konna qrib ta' xulxin u li tant konna kburin b'dak li aħna, qed nitilfu ċerta sensibbiltà li kellna.

Qed ngħixu ħajja mgħaġġla, iffissati kif se nagħmlu aktar u aktar flus u ma jimpurtaniex li sirna nies irrabjati, iffrustrati u ħadd ma jista' jkellem lil ħadd. Qed nitilfu dik l-umanità ta' bejnietna li darba kellna.

Ieqfu! Morru passiġġata fil-ftit kampanja li għad baqagħlna, xommu l-fjuri, gawdu l-veduti sbieħ li għad għandna. Darba minnhom kont qed nimxi l-Imtaħleb u ħadt gost nara familji sħaħ isajru, jieklu u jieħdu gost flimkien, it-tfal fuq ir-roti fit-triq… Imma wara rrealizzajt li ma kinux Maltin. Kienu barranin li għadhom jiltaqgħu u jieħdu gost b'xulxin!

**X'messaġġ twassal lil dawk li llum qed iħossu s-sejħa għall-vokazzjoni tal-ħajja kkonsagrata?**

Messaġġ sempliċi: tibżax tieħu r-riskju! M'hijiex ħajja faċli imma lanqas hija ħajja aktar diffiċli minn stil ta' ħajjiet oħrajn. Il-ħajja kkonsagrata bħala Missjunarju tal-Karità hija waħda sabiħa li filwaqt li tqarribna lejn Alla, tagħtina l-possibiltà, il-grazzja u l-unur li nservu u nidħlu f'relazzjoni diretta ta' aħwa mal-fqar. Il-fqar jgħallmuna u għalhekk huwa privileġġ li ngħixu magħhom u nservuhom. Tibżax tikkommetti ruħek!

PANDAMONIUM
TABLETOP CULTURE
ROLL.DRAW.TRIUMPH.

MARTINA'S

PIZZERIA & TAKE-AWAY

QORMI

1, Narbona Square, Qormi

BOOKING 2149 9968






Flimkien tul il-vjaġġ finanzjarju tiegħek
bov.com
Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130. Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-MFSA, liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta).
BOV
Bank of Valletta


MARINE FISH SHOP
9961 4161
Triq il-Vitorja, Ħal Qormi
marinefishshop7@gmail.com


JEFF'S
PASTIZZERIA




L-Arċisqof Pawlu Cremona waqt Quddiesa li ċċelebra fil-Knisja Arċipretali bħala parti mill-Viżta Pastorali tiegħu fil-Parroċċa f'Ottubru 2014

FOR ALL YOUR SCAFFOLDING REQUIREMENTS









We deliver, assemble and dismantle

Scaffolding Solutions

A division of Vassallo Builders Ltd.

The Three Arches, Valletta Road, Mosta MST9016
tel. +356 21432333 / mob. +356 79493353
email: info@scaffoldingsolutions.com.mt
www.scaffoldingsolutions.com.mt

# Inservi lil Alla għax inħobbu u nħobbu għax Hu ħabbni qabel!

*L-esperjenza ta' abbati mill-Parroċċa tagħna fil-Vatikan*



L-esperjenza tiegħi fil-Vatikan bdiet l-Erbgħa 24 ta' Lulju 2024. Matul l-ewwel jumejn għażilna l-libsa u tgħallimna l-artali tal-Bażilika ta' San Pietru. Kien ħin fejn bħala grupp sirna nafu aktar lil xulxin. Jakkumpanjawna kellna lil Dun Jean Claude Schembri, Direttur tal-Għaqda Nazzjonali tal-Abbatini, Mons. Dun Frans Bonnici li ħa ħsieb jippreparana fis-sentejn ta' qabel u s-seminarista Adam Baldacchino li bħalissa qed iservi fil-Parroċċa tagħna. Il-ġurnata kienet tibda billi niltaqgħu fis-6:00am, nidħlu fil-kamra biex nilbsu l-libsa u nibqgħu sejrin fis-sagristija fejn kienu jitqassmu s-servizzi.

Is-Sibt filgħodu kellna ċ-ċerimonja tal-vestizzjoni tal-faxxa l-ħamra li għaliha ingħaqdu magħna l-ġenituri u l-familjari li telgħu magħna. Iċ-ċelebrant li mexxa l-vestizzjoni kien Patri Aaron Zahra O.P. Il-Ħadd għamilna s-servizz bħala grupp fil-quddiesa li fiha ħadu sehem ukoll il-ġenituri li pparteċipaw permezz tal-qari u l-offerti. Wara l-Angelus tal-Papa Franġisku, morna fir-residenza tiegħu fejn kellna laqgħa qasira miegħu. Filgħaxija mbagħad kellna mixja fit-toroq tal-Vatikan. It-Tnejn, wara s-servizz ta' filgħodu, kellna l-opportunità li nitilgħu fuq il-koppla tal-Bażilika ta' San Pietru. Fl-istess ħin, il-ġenituri kellhom iċ-ċans li jżuru l-katakombi.

Wieħed mill-isbaħ mumenti ta' din l-esperjenza jibqa' meta ltqajna mal-Papa Franġisku u kellna ċans nitkellmu miegħu. Wara li ħadna ritratt flimkien, il-Papa tana kuruna tar-Rużarju bħala tifkira. Fl-aħħar jumejn iltqajna wkoll mal-grupp ta' warajna u mill-esperjenza tagħna qsamna magħhom x'kien mistenni minnhom. Din l-esperjenza tatni wkoll opportunità li nżur postijiet storiċi ġewwa Ruma, fosthom il-Kolossew, il-Pantheon, il-Kastell Sant' Anġlu, il-Mużewijiet tal-Vatikan, il-Kappella Sistina u ħafna aktar. Fi tmiem din l-esperjenza ħadna sehem f'quddiesa bil-Malti f'waħda mill-ħafna kappelli fil-Kripta tal-Vatikan. Filgħaxija ħriġna nieklu bħala grupp flimkien mal-ġenituri u l-familjari.

Din hi esperjenza li żgur qatt mhu se ninsa. Minkejja l-isfidi tgħallimt nemmen aktar fija nnifsi u nagħmel ħbieb ġodda. Inħossni tassew privileġġjat li kelli din l-opportunità unika.

**Ismael Borg Debono**

**Din is-sena, żewġ abbatini mill-Parroċċa tagħna, Luca Camilleri u Paul Cassar, se jkunu qed jagħmlu esperjenza bħala abbatini fil-Vatikan. Filwaqt li nifirħulhom, inżommuhom fit-talb tagħna.**

# LEXLEX

ELECTRICAL | PLUMBING | MAINTENANCE

*Lexlex Installation provides all services regarding electrical and plumbing with all qualifications and experience...*

**Jean Paul** Micallef

*A&B Authorised Electrician*

**7996 0620**

**lexlexinstallation@gmail.com**

**Lexlex Installation**


ab
WHOLESALERS
No 8, Gharram Street
Zebbug
ZBG2853
Tel. 27405429
Mobile 99405429
info@ab-wholesalers.com


FORMOSA
BAKERY
Finest Quality
Nawgurawlkom
il-Festa t-Tajba!
46 Triq il-Hammieri, Qormi QRM 1507
+356 2144 3055


Altern. circontrol
Get your
EV CHARGER
circontrol
eHome5
ev@altern.mt | +356 2367 8900

# Il-Ħidma fil-Parroċċa tagħna Matul din is-Sena

## *Opri ġodda u xogħlijiet ta' restawr, manutenzjoni u rinovar*

Matul din is-sena - grazzi għas-sagristan, il-grupp tas-sagristija u voluntiera oħrajn - il-ħidma fil-Parroċċa tagħna kompliet fil-knejjes tagħna u fiċ-Ċentru Parrokkjali. Dawn il-voluntiera jinkludu fost oħrajn grupp ta' voluntiera li darbtejn fil-ġimgħa jagħtu l-għajnuna tagħhom fiż-żamma u l-indafa tal-knejjes.

Din is-sena twettqu diversi proġetti li jinkludi diversi opri ġodda u xogħlijiet ta' restawr, manutenzjoni u rinovar:

**Knisja Arċipretali**

- Inawgurazzjoni tal-proġett tal-manutenzjoni u ż-żebgħa tal-koppla
- Mixegħla tal-ewwel fażi tas-sistema l-ġdida tad-dawl tal-knisja minn barra
- Tkompliet l-organizzazzjoni tal-arkivju mużikali tal-Parroċċa tagħna minn Jurgen Debono
- Tkompliet il-ħidma fuq il-bankun u l-bradella tal-vara titulari ta' San Sebastjan Martri li se jiġi inawgurat is-sena d-dieħla fid-90 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa
- Inawgurazzjoni tal-istatwa l-ġdida ta' San Sebastjan Martri għat-tfal maħduma minn Michael Cutajar Zahra u mħallsa minn benefattur anonimu
- Ġew regalati par impulluzzi mill-abbati Ismael Borg Debono wara l-esperjenza tiegħu fil-Vatikan
- Ġiet regalata qanpiena tas-*Sanctus* mill-abbati Mikhail Camilleri wara l-esperjenza tiegħu fil-Vatikan
- Ġiet regalata pjaneta Gotika bajda bi stolun tar-rakkmu minn Jurgen Debono
- Ġie regalat sett pjaneti Rumani antiki u sett ta' kappa, 2 tuniċelel u velumeral tad-damask abjad

**Knisja ż-Żgħira**

- Sar xogħol ta' manutenzjoni u restawr fuq l-arloġġ tal-Knisja ż-Żgħira (1905) minn Stephen Zammit
- Inbeda xogħol ta' restawr u konservazzjoni fuq il-kwadru tal-artal tal-Madonna tar-Rużarju mill-kumpanija PrevArti li qed jiġi finanzjat minn fondi tal-BOV
- Tlesta r-restawr fuq anġlu antik tal-injam li qed jiġi utilizzat biex jiddendel fuq il-lampier tal-artal maġġur fil-festi ewlenin tal-Knisja u nħadmulu wkoll simboli tal-metall minn Sebastian Aquilina li nżebgħu minn Shawn Saliba; l-ispejjeż kollha tħallsu mis-sagristan Renald Fenech
- Ġie maħdum korp ġdid ta' Kristu msallab fit-terrakotta għal fuq is-salib tal-artal maġġur tal-festa minn Shawn Saliba
- Tlesta r-restawr tal-ventartal il-prim (1891), ta' leġiju tal-injam u tal-fjokk tal-kanupew mir-restawratur Carmel Cassar



Inawgurazzjoni tal-proġett tal-manutenzjoni tal-koppla u l-mixegħla tal-ewwel parti tas-sistema tad-dawl tal-Knisja Arċipretali minn barra



Restawr ta' anġlu antik tal-injam



Il-ventartal il-prim tal-artal maġġur maħdum f'Awwissu 1891 wara r-restawr



L-ewwel parti minn bukkett tal-ganutell tal-artal maġġur



Xogħol ta' tisbiħ f'waħda mis-swali



Manutenzjoni fuq id-daħla ta' Triq San Dwardu

- Inbeda x-xogħol fuq l-erba' bukketti tal-ganutell tal-artal maġġur li qed jinħadmu b'mod volontarju minn Sylvia Cassar
- Tlestew sett fjuretti ġodda għall-artal tar-Redentur maħduma minn Maria Faenza
- Ġew regalati par impulluzzi antiki mis-sagristan Renald Fenech
- Ġie regalat kwadru kbir antik tas-Sagra Familja

**Ċentru Parrokkjali**

- Saret manutenzjoni fuq id-daħla tal-entratura (min-naħa ta' Triq San Dwardu) billi nqala' l-madum, sar wiċċ ġdid tal-konkos u sar ukoll xogħol relatat fuq ġewwa tal-garaxx li hemm taħt l-entratura
- Sar xogħol ta' tibjid, tisbiħ u sistema ġdida tad-dawl f'waħda mis-swali
- Saret manutenzjoni fuq l-aperturi (min-naħa ta' Triq il-Knisja Arċipretali) li jinkludu tmien twieqi u ż-żewġ bibien tal-galleriji
- Sar *skirting* ġdid fil-bitħa ċentrali
- Sar madum ġdid fil-kmamar tal-banju tas-sular ta' isfel
- Inxtara skrin ta' 75 pulzier biex jintuża fil-laqgħat li parti mill-ispiża tiegħu ġiet imħallsa mil-grupp tal-Ladies Circle

Filwaqt li nirringrazzjaw lill-voluntiera kollha li matul is-sena u fi żmien il-festa jagħtu s-sehem tagħhom mimli mħabba u dedikazzjoni fejn meħtieġ, inħeġġu aktar persuni biex jingħaqdu fil-ħidma tal-Parroċċa li tibqa' ċ-ċentru tal-komunità tagħna.








STEPHEN
TAXI SERVICE
9947 3120
TAXI 197M




Est. 1969
TA'FONZU
BOTTLE SHOP
2122 2112
orders@alfsons.com
Manuel Magri Street, Hamrun




Take a Break Travel
Joan Agius
DIRECTOR
216 Triq Alfredo Cachia
Zammit Zejtun
+356 2712 0319
+ 356 9901 3524
info@takeabreakmalta.com
www.takeabreakmalta.com
takeabreaktravelmalta




TOOLS
Planet
2149 9350
9947 7370
9984 6951
toolsplanet@yahoo.com
toolsplanet.com.mt
25, Triq l-Aħwa Zammit,
Qormi
Find us on
Facebook


CONSERVE
Restoration & Conservation Lab
Contact us on email:conserve.mlt@gmail.com
mobile no:79083083


BIOLOGY PRIVATE LESSONS
YEAR 9, 10 & 11
Mr André Deguara
Ħal Qormi
7992 2729
Message or WhatsApp
andredeguara@gmail.com


Ħu ħsieb aħjar lilek innifsek
Servizzi ta' counselling b'xejn
għal kulħadd fil-Parroċċa tagħna
Agħmel kuntatt:
INDIRIZZ ELETTRONIKU
terapijaqormimarant@gmail.com
MOWBAJL
7962 0450



BROWNS+YOU
TRANSFORM YOUR BODY
WITH ADVANCED TECHNOLOGY
FAT REDUCTION
BODY SHAPING
PIGMENTATION ISSUES
MUSCLE TONING & DEFINITION
BrownsPharma
www.browns.pharmacy
brown's
ST ANNE, BIRKIRKARA
2744 1913
SAN BASTJAN, QORMI
2122 5333

# 450 sena mill-Viżta Appostolika ta' Mons. Pietro Dusina

*fil-Gżejjer Maltin fl-1575*

450 sena ilu seħħet f'Malta l-viżta appostolika ta' Monsinjur Pietro Dusina li ġie mibgħut mill-Papa Gregorju XIII bħala Inkwiżitur u Delegat Appostoliku. Huwa kellu l-inkarigu li jżur il-gżejjer Maltin u jirrapporta fid-dettal is-sitwazzjoni tal-Knisja. Fir-rapport tiegħu, Dusina jagħti stampa tas-sitwazzjoni reliġjuża, soċjali u ekonomika ta' artna għaxar snin biss wara l-assedju tal-1565. Bla ma nidħlu fid-dettal, ninnutaw li dak iż-żmien kien hemm problemi bejn l-Isqof Martino Royas u l-Gran Mastru Jean de la Cassière. Kien infatti għalhekk li Mons. Pietro Dusina ntbagħat Malta bħala l-ewwel Inkwiżitur, għax qabel kien l-istess Isqof li jieħu dan l-irwol. Madankollu, Dusina kien l-ewwel wieħed li kien ukoll maħtur bħala delegat Papali u allura kellu awtorità u poter akbar.

Ftit li xejn nafu dwar Pietro Dusina. Nafu li kien qassis minn Brescia, belt fl-Italja ta' Fuq. Nafu però li fl-1527, Dusina kien il-Vigarju Ġenerali tal-Arċidjoċesi ta' Napli u hemm kien involut biex isolvi kwistjoni taħraq li kienet inqalgħet bejn l-Arċisqof il-Kardinal Caraffa, u Juan tal-Awstrija, l-eroj tal-battalja ta' Lepanto. Dusina ma kienx irnexxielu jsolvi din il-kwistjoni u għalhekk intbagħat Ruma. Waqt li kien hemm, il-Papa Gregorju XIII bagħtu Malta mhux biss bħala l-ewwel Inkwiżitur imma wkoll bħala delegat appostoliku (ambaxxatur).

Dusina wasal Malta fl-1 ta' Awwissu 1574 u bħala residenza ingħata l-Kastellanija fil-Birgu. Dil-binja baqgħet għalhekk magħrufa bħala l-Palazz tal-Inkwiżitur. Wara li għamel l-ewwel ftit xhur jistudja u jagħrbel is-sitwazzjoni, huwa beda b'mod uffiċjali ż-żjara appostolika. Nhar il-Ġimgħa 21 ta' Jannar 1575, akkumpanjat mill-Vigarju Ġenerali, Dun Antonio Bartolo, il-Kappillan taż-Żurrieq u Patri Damiano Taliana O.P., huwa żar il-Katidral




**L-istemma araldika ta' Dusina u l-ewwel faċċata tar-rapport tal-Viżta Appostolika f'Malta**

tal-Imdina. Imbagħad, tul perjodu ta' xahrejn, żar waħda waħda kull knisja u kappella fil-gżejjer Maltin. B'hekk huwa żar madwar 430 knisja u kappella. F'kull knisja li żar innota n-nuqqasijiet li kien hemm u ordna li ssir xi manutenzjoni meħtieġa. Madankollu sab li 59 minnhom tant kienu fi stat ħażin li ma kienx xieraq li fihom isiru ċerimonji liturġiċi u allura ddekonsagrahom.



Pittura ta' San Sebastjan Martri fil-Knisja tal-Vitorja, Ħal Qormi

Iż-żjara fil-Parroċċa ta' Ħal Qormi seħħet nhar is-Sibt 5 ta' Frar u tkompliet it-Tnejn 7 ta' Frar 1575. Beda din iż-żjara billi mar fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ li ma kinitx dik li hemm illum. Ma tantx sabha f'kundizzjoni tajba tant li ordna li jsiru diversi affarijiet, fosthom tabernaklu ġdid, pissidi u kuċċarun tal-fidda għall-magħmudija flok dak tal-injam li kien hemm. L-artal ma kellux irħama kkonsagrata. Sagristija ma kienx hemm u l-armar kien jinżamm fid-djar privati. Ordna li waħda mill-kappelli tkun is-sagristija.

Fir-rapport tiegħu, Dusina kiteb li f'Ħal Qormi, li dik il-ħabta kien estiż u kien jinkludi fejn illum jinsabu Santa Venera, il-Ħamrun, il-Marsa u l-Furjana, kien hemm 240 dar u 500 ruħ li jirċievu s-sagramenti għal kalkolu ta' madwar 1,200 persuna.

Fl-ewwel jum taż-żjara, Mons. Dusina waqqaf il-fratellanza tas-Santissmu Sagrament. Fil-fatt, Dusina waqqaf fratellanza simili tista' tgħid fil-Parroċċi kollha li żar. Lil dawn il-fratellanzi tahom il-kariżma ewlenija li jitwassal is-Sagrament lill-morda kif ukoll li jxerrdu l-qima u l-adorazzjoni tas-Sagrament.

Mons. Dusina f'Ħal Qormi żar 32 kappella - 16 fir-raħal u 16 fil-kampanja. Dwar kull waħda rrapporta f'liema stat kienu u ordna li jsiru xi manutenzjonijiet. Xi wħud għadhom jeżistu imma oħrajn m'għadhomx. Saħansitra hu diffiċli ngħidu fejn kienu jinsabu eżattament. Sitta mill-kappelli kienu ddedikati lil Santa Marija u tnejn lil-Lunzjata. Dawk li għadhom jeżistu, għad li xi wħud minnhom twaqqgħu u nbnew oħrajn ġodda flokhom, huma Santa Marija 'Ta' Qrejċa', Santa Marija 'Tal-Blat', Santa Marija 'Tal-Ħlas', tal-Lunzjata li llum hi f'idejn il-Fratellanza tas-Sagrament, tal-Vitorja u Santa Marija 'Ta' Ċeppuna' li llum tinsab fil-Marsa Sports Grounds. Ma' dawn inżidu ta' Santa Katerina li tinsab fit-triq li ġġib isem dil-qaddisa u ta' San Pietru fl-istess triq li llum hi kappella tal-adorazzjoni tas-Sagrament.

Dusina jsemmi wkoll kappella ddedikata lil San Pawl, oħra lil San Anard u oħra lil San Sebastjan. Ma nafux fejn kienu sewwa sew u llum l-ebda waħda minnhom ma għadha

teżisti. Aktarx kienu fl-inħawi tal-knisja tal-Vitorja. Infatti, f'din il-knisja hemm żewġ pitturi żgħar li juru lil San Pawl u lil San Sebastjan. Jingħad ukoll li s-salib li hemm fejn il-Vitorja jista' jkun sar b'tifkira ta' dawn il-kappelli.

Fir-rapport tiegħu, Mons. Pietro Dusina daħħal b'dettal kull żjara li għamel. Fattur importanti li ħareġ minn dan ir-rapport hu l-mod kif Dusina nnota kif il-kundizzjonijiet ta' diversi knejjes u djar fl-irħula kien jeħtieġ li tingħatalhom attenzjoni speċjali. Huwa ta attenzjoni lill-isptar ta' Santu Spirtu fejn għad li faħħar l-istituzzjoni, iddetermina ċerti regoli sabiex is-servizz ikun mifrux aħjar. Innota li l-edukazzjoni tal-qassisin kien jeħtieġ li tiġi ndirizzata billi jitwaqqaf seminarju adekwat. Huwa ta importanza għall-ħtieġa ta' aktar ħidma għall-ġid spiritwali f'diversi lokalitajiet u oqsma.

Din iż-żjara appostolika serviet bħala mudell biex l-Isqfijiet ta' Malta bdew jagħmlu viżti pastorali kultant żmien. B'hekk kienet il-mutur li għenet ħafna biex sitwazzjonijiet u problemi bdew jiġu ndirizzati minn żmien għal żmien.

**Referenzi**


AQUILINA Ġorġ OFM u FIORINI Stanley: *Documentary Sources of Maltese History Part IV – Documents at the Vatican No.1* (2001)

CASSAR PULLICINO Joseph: *Malta in 1575 - Social Aspects of an Apostolic Visit*; fil-Melita Historica (1956)

GRIMA Joseph F.: *Mill-Istorja ta' Ħal Qormi Vol 1.* (2001)

GRIMA Joseph F.: *Minn Ġrajjet il-Fratellanza tas-SS. Sagrament fil-Parroċċa San Ġorġ, Ħal Qormi* (2025)

VELLA Andrew: *La Missione di Pietro Dusina a Malta nel 1574*; fil-Melita Historica (1969)



**Vince Peresso**

***Storiku u Riċerkatur***





# Is-Sodalità San Sebastjan

*Il-ħidma tat-tliet fratellanzi tal-Parroċċa matul is-sena*

Hekk kif ninsabu fil-jiem tal-festa, se nagħtu ħarsa lejn dak kollu li sar matul dis-sena biex f'dawn il-jiem ingawdu xhur ta' ħidma ta' bosta voluntiera li jaħdmu fi ħdan il-Parroċċa tagħna.

Kif ġara fl-aħħar snin, il-membri tas-Sodalità taw servizz f'għadd ta' festi fi gżiritna. Apparti hekk, konna strumentali sabiex inħadmet l-istatwa l-ġdida ta' San Sebastjan għall-festa tat-tfal u anke biex inġiebu fondi għar-restawr li qed isir fuq il-pittura tal-Madonna tar-Rużarju li tinsab fil-Knisja ż-Żghira. Għall-ewwel darba sar ukoll pellegrinaġġ bir-roti u *scooters* għat-tfal fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' San Sebastjan.

Inħadmu sett bażijiet tal-ebanu għal taħt il-vażuni li jintramaw mal-vara ta' Kristu Rxoxt u żewġ kaxxi tal-injam biex jintrefgħu fihom il-brazzi tal-vara ta' Ġesù Redentur. Beda wkoll xogħol biex isiru sett brazzi identiċi għal mal-vara devota ta' Marija Addolorata. Għaddej ukoll rinovar tal-istandardi s-sekondi li jinkludi tindif, ibbanjar tal-kruċetti u bdil tal-frenża u l-gallun. Ma' dan, inbeda x-xogħol biex it-tliet fratellanzi jkollhom sett xemgħat ġodda bl-emblemi rispettivi tagħhom.

Fil-bidu tar-Randan, fl-okkażjoni tal-Ġublew tat-Tama, inġabet fil-Parroċċa x-xbieha mirakoluża tal-Ecce Homo li matul is-sena tkun meqjuma fil-Bażilika ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo u San Duminku fil-Belt Valletta. Minbarra li ħadna sehem f'pellegrinaġġ li sar, kellna wkoll mument ta' talb quddiem din ix-xbieha. Din is-sena, membri mit-tliet fratellanzi ħadu sehem fil-festa ta' San Sebastjan f'Santa Venerina fi Sqallija li saret f'Jannar. Komplejna nsaħħu r-relazzjonijiet tagħna mal-Parroċċa ta' San Sebastjan f'Palazzolo



Acreide ġo Sqallija billi għadd ta' membri flimkien ma' familjari u partitarji ħadu sehem fil-festa. Ippreżentajna wkoll lill-Arċipriet tal-Bażilika xbieha tal-vara titulari tagħna. Fit-23 ta' April, fratelli fi ħdan is-Sodalità ħadu sehem ukoll fil-Ġublew tal-Fratellanzi organizzat mill-Knisja f'Malta fiż-Żejtun fil-festa tradizzjonali ta' San Girgorg. F'Mejju, membri oħra marru l-Vatikan biex ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew tal-Fratellanzi. Għal din l-okkażjoni, huma ħadu sehem ukoll mal-inawgurazzjoni tal-Papa Ljun XIV fi Pjazza San Pietru.

Il-ħidma matul din is-sena kienet waħda sfiqa, grazzi għall-membri u benefatturi tas-Sodalità li jikkontribwixxu sabiex jitwettqu dawn il-proġetti u nkunu f'qagħda finanzjarja stabbli li tippermettilna nwettqu proġetti futuri. Filwaqt li nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-fratelli tas-servizz tagħhom mhux biss fil-festa imma wkoll matul is-sena, inħeġġeġ ukoll membri ġodda biex jingħaqdu f'waħda mill-fratellanzi tal-Parroċċa tagħna. Inħarsu 'l quddiem biex fix-xhur li ġejjin nibdew niċċelebraw id-90 anniverserju mit-twaqqif tal-Parroċċa għażiża tagħna.

**Chris Camilleri**
***Rettur Ġenerali***



# Is-Sehem tat-Tfal u ż-Żgħażagħ fil-Korijiet Parrokkjali

## *Il-mużika – espressjoni ta' ferħ u ħajja*

***"Ħalluhom it-tfal iż-żgħar jiġu għandi u la żżommuhomx għax ta' min hu bħalhom hija s-Saltna tas-smewwiet."*** (Mt 19, 14) Kemm hu sabiħ tara lit-tfal jitrawmu biex jipparteċipaw fil-liturġija tal-Knisja. F'Settembru li għadda, l-Arċipriet avviċina lil Grace Mercieca u lili u fdalna f'idejna l-ħolma tal-kor tat-tfal. Proposta li mlietni bil-ferħ mhux biss għax it-tfal huma ferm għal qalbi imma wkoll għax għaraft li nista' nkun mezz ta' evanġelizzazzjoni mal-iżgħar fil-Knisja. L-ewwel servizz tal-kor kien fil-Velja tal-Lejl tal-Milied li għadda. Din is-sena ħadna sehem ukoll fil-Quddies tat-tfal u l-familji tal-Epifanija tal-Mulej u tal-Għid il-Kbir.

Il-kor hu ffurmat minn 13-il tifel u tifla li meta tlabthom biex jesprimu xi jfisser għalihom il-kor, niġbor it-tweġibiet tagħhom f'kelma waħda: **ferħ**. Qalu li hija opportunità biex ikunu ta' servizz għal Alla u bit-talent tagħhom jgħaqqdu lill-komunità u lil dawk li jipparteċipaw fil-funzjonijiet tal-Parroċċa.

Apparti l-impenn tiegħu fil-Knisja, nagħmlu mezz li l-kor ikollu ħin soċjali matul is-sena ħalli nsaħħu l-ħbiberiji ta' bejnietna. Inħeġġeġ lil aktar tfal bejn 6 snin u 13-il sena biex jingħaqdu magħna ħalli b'vuċi anġelika nkomplu nservu lil Ġesù.

* * *

Din is-sena l-kor parrokkjali qed jiċċelebra l-5 anniversarju mit-twaqqif. Il-kor hu magħmul minn 13-il membru u din is-sena qed jiftaħ il-bibien tiegħu għal kulħadd. L-għan tal-kor hu li japprezza l-elementi li jsawruh u jħabrek biex jagħraf li dak li nagħmlu għandna dejjem nagħmluh għall-akbar glorja ta' Alla.

Il-Parroċċa kienet ilha tħoss il-bżonn ta' kor parrokkjali u għalhekk fl-eqqel tal-pandemija ġie mwaqqaf grupp ta' 9 żgħażagħ biex jieħdu sehem fil-liturġija ċċelebrata fil-Parroċċa, inkluż fil-funzjonijiet tal-Milied tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir u tal-festa ta' San Sebastjan. Ma' dawn insemmi wkoll is-sehem fiż-żjarat tal-bastun devot ta' San Ġużepp (2021), tar-relikwa tal-Beatu Carlo Acutis (2022), tal-kwadru mirakoluż ta' Ġesù





Nazzarenu (2023) u tax-xbieha mirakoluża tal-Ecce Homo (2025) fil-Parroċċa.

Il-kor ħa sehem fil-bidu tan-novizzjat ta' ħuna Fra Christopher Bilocca OFM (2022) u fl-ewwel Quddies ta' Dun Gylan Camilleri (2023) u Dun Malcolm Saliba (2024) li kienu għamlu esperjenza pastorali fil-Parroċċa. Ta wkoll is-sehem mużikali tiegħu fil-Quddiesa ta' radd il-ħajr fis-60 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Mons. Dun Vinċenz Deguara (2022).

Fl-2022, ħa sehem f'akkademja kommemorattiva f'ġieħ Dun Ġwann Bugeja. Dik is-sena, xi koristi kellhom ukoll l-opportunità jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni djoċesana ta' Kristu Re fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

Ittieħdet l-inizjattiva biex fi żmien il-Milied jittella' kunċert annwali. Marbut ma' dan, fl-2024, il-kor ġie rikonoxxut għas-sehem tiegħu fil-Festival Internazzjonali tal-Korijiet għall-Milied wara li ħa sehem f'waħda mis-serati mtella' fil-Knisja Arċipretali bis-sehem ta' 6 korijiet internazzjonali.

Fl-2023, il-kor u l-orkestra tellgħu serata kommemorattiva fil-25 anniversarju mill-wasla tal-qniepen fil-Parroċċa. Din is-sena, l-istess kor u orkestra tellgħu serata mużikali ***Musbieħ Jixgħel u Jiddi*** fil-festa liturġika ta' San Sebastjan u fl-inawgurazzjoni tar-restawr tal-koppla u l-mixegħla tal-ewwel fażi tagħha.

Inħeġġeġ lil kulħadd biex ma jitlifx din l-opportunità li jingħaqad fil-kor parrokkjali ħalli apparti li nibnu relazzjonijiet ġodda, nagħtu s-sehem attiv tagħna f'dak li jagħti l-ħajja lill-funzjonijiet liturġiċi - il-mużika.

**Christabel Debono**
***Direttriċi tal-Kor tat-Tfal***
***Korista fil-Kor Parrokkjali***

# CONNECT

## *Grupp ġdid għaż-żgħażagħ fil-Parroċċa tagħna*







Kien madwar sena ilu, fit-2 ta' Lulju 2024, meta bħala grupp ta' 11-il żagħżugħ/a ngħbarna flimkien wara li l-Arċipriet Dun Ewkarist Zammit avviċinana u qasam magħna ħolma li kellu. Dil-ħolma kienet li, b'kontinwazzjoni mal-grupp IMPACT, jinħoloq grupp ieħor li jilħaq żgħażagħ ta' etajiet akbar fejn jistgħu jħossuhom milqugħin, meqjusa u mogħtija spazju biex flimkien jikbru fil-fidi u l-ħbiberija.

Minn hemm beda vjaġġ ta' ħidma u formazzjoni. Waħda mill-ewwel laqgħat li bħala *leaders* kellna flimkien kien il-*live-in* li organizzajna f'Għawdex għall-ħabta ta' Settembru fejn matulu semmejna ideat tagħna fuq isem għall-grupp u liema firxa ta' etajiet taż-żgħażagħ għandna nilħqu. Barra minn dan, qattajna wkoll ħin soċjali flimkien li għenna nsiru nafu aħjar lil xulxin.

Kellna *live-in* ieħor fi Frar fejn żorna s-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu u poġġejna lill-grupp taħt il-ħarsien tal-Madonna. Matul dan il-*live-in*, kelliema mill-qasam tal-*counselling* kellmitna fuq ir-realtajiet u l-bżonnijiet taż-żgħażagħ tal-etajiet li se jkun qed jilqa' l-grupp. Dan il-grupp ġie mwaqqaf wara li ħassejna l-ħtieġa li żgħażagħ tal-imsemmija etajiet ikollhom grupp fil-Parroċċa li jistgħu jiffrekwentaw li joffri sostenn lil xulxin billi nkattru spirtu ta' ħbiberija filwaqt li nsaħħu l-fiduċja tagħna fina nfusna u f'Alla. B'dan l-għan ġo moħħna, iffurmulajna l-missjoni tagħna: "**Bħala komunità, noffru sostenn lil xulxin biex fi spirtu ta' ħbiberija nsaħħu l-fiduċja tagħna fina nfusna u f'Alla**". Bħala *leaders*,

għamilna *weekend* promozzjonali fejn matulu biegħna qagħaq tal-appostli u qassamna *bookmarks* bil-*logo* ta' CONNECT u d-dettalji tal-mezzi soċjali tal-grupp.



Il-Ħamis 8 ta' Mejju se tibqa' data li lkoll nibqgħu niftakru għax filwaqt li fraħna mal-kumplament tad-dinja wara li ġie elett il-Papa l-ġdid, kellna l-ewwel laqgħa tal-grupp miftuħa għall-membri. Il-laqgħat mal-membri jsiru darbtejn fix-xahar - fit-tieni Ħamis għal attività formattiva u fir-raba' ġimgħa għal Quddiesa (is-Sibt jew il-Ħadd) li tkompli b'ħin soċjali flimkien.

CONNECT huwa aktar minn grupp; huwa spazju fejn żgħażagħ jitgħallmu jgħixu l-fidi flimkien b'qalb waħda u għan wieħed.

Connect Qormi — 7998 0525

connectqormi — connect.qormi@gmail.com

**Pierre Borg**
***Kordinatur tal-Grupp***



# 80 Sena minn Tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija

*Storja ta' tifkira u twissija għalina llum*

Matul din is-sena, qed infakkru t-80 sena minn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija fl-Ewropa. Dan seħħ hekk kif il-Ġermanja Nazista ċediet nhar it-8 ta' Mejju 1945 wara sitt snin ta' gwerra dinjija kkaratterizzata minn kampanji militari, invażjonijiet u ġenoċidji li rriżultaw fil-qtil ta' madwar 50 miljun persuna. Hekk kif nirriflettu dwar din it-traġedja umana, li hija waħda mill-iżjed paġni oskuri fl-istorja tal-umanità, aħna bħala nsara, u fuq kollox umani, għandna nassiguraw li din ma terġax isseħħ fil-ġejjieni.

Hemm ħafna fatturi li wasslu għall-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija iżda, biex inkun konċiż, nistgħu ngħidu li l-erba' fatturi prinċipali kienu l-militariżmu, l-alleanzi, l-imperjaliżmu u n-nazzjonaliżmu. Fi żminijietna għadna qed naraw istanzi fejn dawn il-fatturi mhux biss għadhom preżenti iżda qegħdin jheddu l-bilanċ tal-poter li l-komunità internazzjonali ppruvat tistabbilixxi wara t-Tieni Gwerra Dinjija biex tassigura li ma terġax isseħħ gwerra dinjija oħra.

Il-militariżmu u l-alleanzi huma theddida għall-interessi tal-umanità minħabba li dawn huma spiss xprunati mill-interessi kapitalisti ta' dik il-minoranza li taqla' l-għajxien tagħha mill-gwerer, partikolarment dawk li huma midħla tal-industrija tal-armi, li spiss jużaw il-ġid materjali tagħhom sabiex jinfluwenzaw il-politika tal-gvernijiet. Preżentament qegħdin naraw iżjed stati mexjin fit-triq tal-militariżmu minflok fit-triq tad-diżarmament - sitwazzjoni li tista' twassal biss għal iżjed provokazzjonijiet perikolużi u tensjonijiet. Għal dan qiegħed ibati l-iżjed vulnerabbli fis-soċjetà hekk kif l-investiment fl-armi qiegħed spiss jieħu post investiment soċjali għal dawk fil-bżonn.

Min-naħa l-oħra, stati mhux allineati qegħdin jiltaqgħu ma' pressjoni minn stati meqjusa superpotenzi biex jissieħbu mal-alleanzi rispettivi tagħhom. Din is-sitwazzjoni twassal għall-imperjaliżmu li hija sitwazzjoni oppressiva fejn stat jieħu vantaġġ mill-miżerja ta' poplu jew stat ieħor. Din is-sitwazzjoni hija evidenti għal popli li arthom hija okkupata minn stat akbar minnhom - bħall-Ukreni u l-Palestinjani - iżda fl-era moderna dan m'huwiex l-unika forma ta' imperjaliżmu. Illum, l-imperjaliżmu modern ma jseħħx biss billi stat jokkupa art u jagħmilha tiegħu, iżda billi juża mezzi ekonomiċi biex iġiegħel stat iżgħar minnu jikkrolla għall-pressjoni u jagħmel ir-rieda tiegħu. Filwaqt li l-imperjaliżmu huwa spiss xprunat mill-interessi kapitalisti, huwa wkoll xprunat mill-ideoloġija tan-nazzjonaliżmu. Din l-idea hija perikoluża minħabba li hi mibnija fuq il-ħsieb li ġens partikolari huwa suprem fuq ġnus oħrajn li jiġu meqjusa inferjuri minħabba differenza fl-etniċità, kultura jew reliġjon. Din l-ideoloġija spiss twassal ġens iwettaq atroċitajiet fil-konfront ta' ġens ieħor, kif deher iseħħ fl-Olokawst waqt it-Tieni Gwerra Dinjija u fi żminijiet riċenti fil-Jugoslavja. Spiss naraw gvernijiet li jużaw in-nazzjonaliżmu biex iqajmu sentimenti populistiċi bl-għan li jaljenaw lill-poplu minn fallimenti li huma ħtija tal-istess gvernijiet billi jinstigaw antagoniżmu kontra minorità barranija u joħolqu firda fis-soċjetà.

Il-gwerer attwali jafu jidhru mbiegħda minn xtutna iżda dan ma jfissirx li ma nistgħu nagħmlu xejn biex intaffu t-tbatija tal-proxxmu. Bħala nsara, aħna msejħa nkunu ċittadini attivi biex inkunu vuċi għall-paċi u l-ġustizzja. Kif uriena s-Sinjur fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb, m'huwiex biżżejjed li nitolbu bħal-levita u l-qassis u fil-mument li naraw inġustizzja u nistgħu nieħdu azzjoni nibqgħu għaddejjin, iżda għandna nkunu bħas-Samaritan u skont il-pożizzjoni tagħna nwettqu dak li huwa moralment ġust. Alla ma jiħux pjaċir bil-passività tal-ġusti għax biex il-ħażen ikun trijonfanti m'hemmx bżonn maġġoranza twettaq il-ħażen iżda maġġoranza ġusta li hi passiva għall-ħażen madwarha.

**Eman Farrugia**



**Monument tal-Vittmi tat-Tieni Gwerra Dinjija (Mafkar tal-Paċi) fi Triq Manwel Dimech, Ħal Qormi**




TA` DERNIS
PROPERTIES

# NEW ON THE MARKET

We have properties in Gudja, Marsascala, San Pawl, Qawra, Birkirkara, Birżebbuġa, Għargħur, Ibraġġ, Swieqi, Sta. Venera, Mġarr, Mosta, Mellieħa, Qrendi, Qormi, Żurrieq, Xgħajra.



ŻURRIEQ



XGĦAJRA



ATTARD



FLEUR-DE-LYS

## WE ARE FLEXIBLE TO YOUR NEEDS

128, Triq San Bartolomew, Qormi, QRM 2184
M. 9986 0983 - E. info@tadernis.com
W. www.tadernis.com

# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni


AB Wholesalers ... 83
Alex Tyre Service ... 54
Alfgatt Autoparts ... 14
Altern ... 84
AtoZ Electronics ... Inside Back Cover
Bank of Valletta ... 77
Bar Klabb tal-Boċċi San Bastjan ... 34
Benjamin Pizzeria ... 10
Biology Private Lessons ... 89
Browns Pharma ... 90
Building Material Supplies Ltd. ... 68
Charles Butcher ... 32
Charming Beauty by Dorianne ... 34
Cini Group ... 104
Conserve Malta ... 89
Conti's 24hr Funeral Sales & Services ... 50
CopyServ ... 24
Counselling mill-Parroċċa ... 89
Dental350 ... 54
Die Ecke Stationery ... 31
DOM Transport Ltd. ... 41
E. Theuma & Company Ltd ... 3
Easygas ... 65
English Private Lessons ... 87
Eurobridge ... 41
Familji fil-Bżonn ... 69
FIDI Burger Joint ... 4
Formosa Bakery ... 83
George's Salon ... 34
Il-Forn tal-Għawdxi ... 40
Il-Warda Flower Shop ... 34
J.T. Jewellers ... 12
JAV Service Station ... 32
Jeff's Pastizzeria ... 78
Joserosand Art Studio ... 32
Karmenu Mifsud Funeral Services ... 52
Kerċem A. Tours ... 44
Klabb Kotba Maltin ... 64
KRK Autoparts & Towing ... 12
La Voix Studios ... 101
Lexlex installations ... 82
Lisbon Squashes ... 12
Lombard Bank Malta plc. ... 5
Marine Fish Shop ... 78
Martina's Pizzeria and Take Away ... 76
Maypole ... 4
Micallef Transport Services ... 32
Mike Service Station Ltd. ... 16
Needles & Pins ... 93
Pandamonium ... 75
Paul ta' Kalċ Bakery ... 66
Paul George & Joseph Transport ... 95
Pavi Pama ... 17
Photo Point ... 12
Pinto ... 36
Quality Veterinary Clinics ... 30
R&S Marketing ... 67
Samira Scerri (Singer) ... 10
Scaffolding Solutions ... 80
Schranz ... 36
Scic Crafts Studio ... 87
SG Solutions ... 51
Shuberg Radiators ... 99
Sixt Leasing ... 49
Sound Factory Malta ... 10
Spencer Snack Bar & Take Away ... 10
Stephen Taxi Service ... 88
Ta' Dernis Properties ... 102
Ta' Fonzu Bottle Shop ... 88
Ta' Ganza ... 58
Take A Break Travel ... 88
Tal-Laringu Restaurant ... 70
Technoplus Ltd ... 63
Terapista tal-Familja mill-Parroċċa ... 40
The Meat Hook Butcher Shop ... 43
The Resin and Membrane Centre ... 37
The Rose Shop ... 39
Tools Planet ... 88
TUM Invest ... 72
Twanny Ironmongery ... 35
Visage Sound Limited ... 46
Vision Opticians ... 46
Żiffa Transport ... 37




CINI MARBLES

One of Malta's most trusted and reliable suppliers of marble, quartz, granite, ceramic and travertine

Cini Marbles | cini_marbles





CINI PROPERTIES

Your Trusted Partner for Premier Real Estate in Malta, Offering Exceptional Apartments and Homes for Sale or Rent

Cini Properties

Fusion

Crafting dreams into reality with stunning 3D designs for your Home, Office, or Apartment

Fusion by Cini Group | fusion_by_cinigroup



Cini Marbles Building, Handaq Road, Qormi, Malta, QRM 4000

www.cingroupmalta.com | +356 2147 2714 | info@cinicingroupmalta.com

Inside back ->



A TO Z
ELECTRONICS
LOOK NO FURTHER
BEAT THE HEAT
argo ZEPHIR
Starting from €329
R32 GAS
5 YEARS
AIRWAVE argo ATRON BESTAIR bimar DCG
emerio Lucciair nedis Westinghouse ZEPHIR
Wide range of fans
Starting from €29.45
argo
Portable Air Conditioners
Starting from €269
argo FINLUX
Dehumidifiers
Starting from €99
Prices and product availability are subject to change without prior notice. T&C apply.



UT TESTIMONIUM PERHIBEAM VERITATI

ĠUBLEW 2025

PELLEGRINI TAT-TAMA